# DAWL FRANĠISKAN

GĦADD 410 | MEJJU 2021 | IL-41 SENA

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN

NEWSPAPER POST IISN 1811-5373



## INKOMPLU NIBNU KULTURA FAVUR IL-ĦAJJA

**Inħarsu, nipproteġu u niddefendu l-ħajja kontra l-kultura tal-iskart u l-mewt**

# WERREJ


3 **Abortion in Malta? Not in my name**
FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

6 **Oliver Friggieri u l-Annimali (It-3 parti)**
ROBERT ALOISIO

9 **Kemm ħa norqod ferħan!**
PATRI MARIO ATTARD OFMCap

12 **Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex (It-3 parti)**
JOSEPH C. CAMILLERI

16 **Nittawwal fil-qalb ta' Alla!**
DUN MIKIEL GALEA

18 **Uff, m'għandix ħin!**
BR JETHRO BAJADA OFMCap

20 **Talba tal-Papa Franġisku f'isem u għal ulied Abraham**

22 **Kotba riċenti li fihom jidhru jew jissemmew il-patrijiet Kapuċċini (n. 3)**
REV. DR MARTIN MICALLEF OFMCAP

24 **Poeżija**
MIKTUBA MINN MEMBRU TAL-GRUPP AFLAME

25 **Reġa' Sebaħ**
FR. HILARY ABELA OFMCap

27 **Fr Joe Galea OFMCap għadu ħaj fil-moħħ u l-qalb tan-nies ta' Hola**
MONS. JOE ALESSANDRO OFMCAP

29 **Il-leġġenda tal-forn ta' Marsalforn**
JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)

32 **"Ngħixu l-Evanġelju sħiħ"**
FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

34 **Ħelu ta' Sant'Antnin ta' Padova**
FR PAUL BUGEJA OFMCap

35 **Kompetizzjoni**
FR WISTIN ATTARD OFMCap





## Ħsieb tal-faċċata

Fil-ħajja normali, f'dinja normali, il-ħajja tiġi dejjem irrispettata, tingħata merħba b'għożża kbira, tiġi ċċelebrata b'ferħ kbir, u mhux inqas tiġi wkoll akkumpanjata, kulħadd jiddefendiha u sal-aħħar ikkurata bl-aħjar mod possibbli u sa fejn ix-xjenza medika tista' tasal. Dawn kienu u għandhom jibqgħu l-valuri assoluti li jmexxuna kemm bħala bnedmin-umani kif ukoll bħala Nsara konvinti.




## Bord Editorjali

**Editur**
Fr Philip Cutajar OFMCap

**Amministratur**
Dorian Holland OFS

**Distributur Malta**
Alfred Ebejer

**Distributur Għawdex**
Pierre E. Buttigieg OFS

**Membri**
Joe Debattista GFF
Silvana Galea - A.Flame

**Direzzjoni u Amministrazzjoni**
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211

**Telefown:** 2123 3874, 2122 5525, 2123 4949

**Imejl:** dawlfrangiskan@gmail.com

**IISN 1811-5373**

**Disinn u Stampar:**
Best Print Co. Ltd
**Telefown:** 2168 0789



**© Dawl Franġiskan 2021**



**Pubblikazzjoni Franġiskani Kapuċċini**

**Ħlas tal-Abbonament:**
€10.00 fis-sena

Kull offerta barra mill-ħlas hi milqugħa bħala għajnuna għall-missjoni u għandha tintbagħat lid-Direttur:
Ċentru Missjoni Kapuċċini,
Il-Kunvent tal-Kapuċċini,
Il-Furjana – FRN1211


Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-*DAWL FRANĠISKAN* għandhom jiġu indirizzati lill-editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-*DAWL FRANĠISKAN* dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



FR PHILIP CUTAJAR OFMCap

# Abortion in Malta? Not in my name

Min hu midħla tal-Facebook min jaf kemm-il darba ltaqa' ma' dan il-kliem li jiena llum qed inpoġġih bħala titlu tal-editorjal tiegħi. Din hija paġna fil-FB li tistieden lil kull wieħed u waħda minna sabiex b'mod pożittiv nuru ċ-ċaħda u l-istmerrija tagħna għal kull tip ta' abort. Dan huwa metodu kif noħolqu għarfien u kuxjenza favur il-kultura tal-ħajja u kontra l-kultura tal-mewt li donnha bil-mod il-mod qed tinfiltra anke f'pajjiżna. U dan mhuwiex biss kwistjoni ta' fidi u reliġjon Kristjana, għax it-tagħlim Nisrani hekk jgħidilna, imma hija wkoll kwistjoni umana għax fin-nofs hemm il-ħajja ta' tarbija umana fil-ġuf tal-omm, hija kwistjoni etika fejn jidħlu d-drittijiet tat-tarbija, li nkunu aħna l-vuċi tagħha, hi li hi mingħajr vuċi.

## Inħarsu l-ħajja kontra l-kultura tal-iskart

Fil-ħajja normali, f'dinja normali, il-ħajja tiġi dejjem irrispettata, tingħata merħba b'għożża kbira, tiġi ċċelebrata b'ferħ kbir, u mhux inqas tiġi wkoll akkumpanjata, kulħadd jiddefendiha u sal-aħħar ikkurata bl-aħjar mod possibbli u sa fejn ix-xjenza medika tista' tasal. Għax il ħajja ma tappartjeni lill-ebda ideoloġija: dik tradizzjonali jew progressiva, tal-lemin jew tax-xellug, bajda jew sewda, liberali jew konservattiva. Hija dejjem u tibqa' valur li, bla ebda kundizzjoni, għandna ngħożżuh, niddefenduh u nħarsuh bħalma nagħmlu ma' diversi valuri oħra li nemmnu fihom.



## Ngħixu f'dinja ta' kontradizzjonijiet

U proprju din hija waħda fost il-ħafna kontradizzjonijiet li qed ngħixu fid-dinja tal-lum. Kif jista' wieħed jifhem li min-naħa l-waħda għandek tobba li jissieltu u anke jirriskjaw saħħithom, jekk mhux ukoll ħajjithom, biex jiġġieldu kontra l-virus tal-COVID-19, kif għandek tobba li b'ħila kbira jissieltu ħalli jsalvaw pazjenti b'attakk tal-qalb fuqhom u anke b'kapaċità kbira jaslu biex jagħmlu heart transplant biex isalvaw il-ħajja tal-bniedem, imbagħad min-naħa l-oħra tiltaqa' ma' saħansitra tobba li jiddikjaraw li huma favur l-abort, u ma' membri parlamentari li jivvutaw favur l-abort u l-ewtanasja? Għandek movimenti favur l-ambjent u arahom joħorġu bil-qawwa kollha jipprotestaw meta l-gvernijiet ikunu ser jagħmlu xi sfreġju kontra l-ambjent... u jagħmlu sew... però mbagħad dawn it-talin fl-istqarrijiet tagħhom jgħidu li huma favur il-qtil ta' tarbija f'ġuf ommha! Għandek ukoll movimenti oħra li joħorġu jiddefendu l-annimali, u jagħmlu sew, imma mbagħad meta niġu quddiem il-kwistjoni biex insalvaw tarbija li qed tissawwar f'ġuf ommha, dawn jisktu, jagħlqu ħalqhom jew agħar minn hekk jgħidu li huma favur l-abort. Dawn mhumiex kontradizzjonijiet? Tlifna kull sens tar-raġuni. Qlibna l-valuri ta' taħt fuq.

## Qed isir faċli li tinqatel legalment!

Proprju fis-soċjetà Post-Moderna li ngħixu fiha nistgħu ngħidu kemm tassew qed isir faċli li tinqatel legalment, bla ma tikser l-ebda liġi. F'ħafna pajjiżi, fosthom l-Olanda – nirringrazzjaw lil Alla li sa issa Malta mhix wieħed minnhom – qed isir faċli li toqtol, taħt l-isem ta' 'mercy killing', anke tfal taħt it-12-il sena meta dawn ikunu maħkuma minn diżabilità inkurabbli.



Hemm diskussjonijiet għaddejjin dwar dan anke fi Spanja, il-Portugall u l-Italja.

L-istess nistgħu ngħidu fejn jidħol l-abort. Dan qed isir speċjalment bil-legalizzazzjoni ta' diversi pilloli kontraċettivi bħalma hi issa l-EllaOne (R). Dawn il-pilloli l-funzjoni tagħhom mhix biss li ma jħallux l-isperma tar-raġel tiltaqa' mal-bajda tal-mara imma, agħar minn hekk, jekk dawn ikunu diġà ltaqgħu u għalhekk il-ħajja tkun bdiet, dawn il-pilloli jeqirdu l-embrijun, il-ħajja tat-tarbija, fi spazju ta' ħamest ijiem, u għalhekk huma abortivi. U dawn huma pilloli li tidħol fl-ispiżerija u tixtrihom mingħajr l-ebda riċetta. Qisek qed tixtri stoċċ mustardini biex tneħħi s-sogħla tal-influwenza. Id-differenza hi li bil-mustardina tneħħi s-sogħla imma b'dawn il-pilloli tneħħi, teqred, toqtol tarbija fil-ġuf. Imma l-liġi ma tagħmel l-ebda differenza bejn il-mustardina u l-pillola tal-EllaOne jew l-hekk imsejħa 'after 5 days pill'.

## L-abort: L-ewwel kawża ta' mewt fid-dinja

Kemm qegħdin nitwerwru meta ta' kuljum nisimgħu fl-aħbarijiet in-numru ta' mwiet li l-COVID-19 qed iħalli fid-dinja! Kultant

anke nibżgħu u nallarmaw ruħna meta nisimgħu biss b'ta' pajjiżna. Imma donnu quddiem in-numru għoli u allarmanti ta' mwiet li qed iħalli l-abort fis-sena r-reazzjoni tagħna tibqa' waħda passiva u indifferenti, qisu mhu qed jiġri xejn.

Skont il-WHO, fl-istatistika li jagħtuna għas-sena 2020, in-numru ta' vittmi li ħalla l-abort fid-dinja kien ta' 50 miljun. Dan ifisser 125,000 tarbija maqtula kuljum f'ġuf ommha. L-ogħla rata nsibuha fir-Russja, bi 53.7 minn kull 1,000 mara. Fl-Amerika r-rata hi ta' 20.8 abort għal kull 1,000 mara. Minn dan jidher ċar kemm l-ewwel kawża ta' mwiet fid-dinja hija l-abort. Aktar mill-cancer, aktar mill-AIDS, mill-malarja (u sa ftit snin ilu n-nemusa li toħloq il-marda tal-malarja konna nqisuha bħala 'the first killer in the world') u saħansitra aktar mill-Coronavirus!

Fis-sena li l-COVID-19 ilu magħna, jiġifieri bejn Marzu 2020 u Marzu 2021, l-għadd ta' dawk li nħakmu minn dan il-virus kien ta' 116,778,730 fuq livell dinji, filwaqt li bl-abort ġew maqtula 50 miljun matul is-sena 2020. Min-mindu ilu magħna l-corona virus diġà mietu 3 miljuni. X'differenza bejn il-50 miljun tarbija maqtula f'ġuf l-omm bl-abort fis-sena 2020 u t-3 miljuni li mietu f'sena kawża tal-COVID-19! Aktar minn hekk, l-imwiet kawża tal-abort qed noħolquhom aħna b'mod legalizzat u m'aħna nagħmlu xejn sabiex inwaqqfuhom, anzi diversi pajjiżi qed jestendu l-abort; filwaqt li dawk bil-Coronavirus qed jiġu fuqna bla ma rridu u qed nagħmlu kulma nistgħu biex neliminawh. Il-WHO trid testendi l-abort u qed tuża l-pandemija tal-COVID-19 bħala skuża. Qed toffri jew li jsir abort id-dar tiegħek jew jibagħtulek pilloli kimiċi abortivi bil-għan li dan jagħmluh faċli. Għall-WHO t-tarbija f'ġuf l-omm hija numru – għalina hija persuna, hija ħlejqa ta' Alla bi dritt li titwieled u tgħix.



## Ma nagħmlux lilna nfusna allat

L-appell tiegħi huwa li filwaqt li noħolqu kuxjenza dwar il-kruha tal-qtil tal-innoċenti f'ġuf ommhom, nagħtu wkoll is-sehem tagħna sabiex inwasslu l-għarfien neċessarju dwar il-gravità ta' dan id-dnub, mhux biss mill-aspett morali imma wkoll mill-aspett uman u etiku. L-appell tiegħi hu li nagħrfu li l-valuri favur il-ħajja huma u jibqgħu validi f'kull żmien u f'kull kultura.

Alla biss huwa sid il-ħajja. Ħadd m'għandu dritt jiddeċiedi hu min imut u min jibqa' ħaj. Ma nirrepetux id-dnub ta' Adam u Eva, li waqgħu għat-tentazzjoni tax-xitan meta qalilhom li jekk jieħdu mill-frotta projbita jsiru bħal Alla. U huma ħadu minn dik il-frotta għax riedu jsiru bħal Alla, jgħidu huma x'inhu tajjeb u x'inhu ħażin. It-tentazzjoni hi li Alla ma jibqax ir-riga li biha nfasslu l-liġijiet tagħna, il-ħajja tagħna u l-attitudnijiet tagħna.

Ningħaqdu flimkien bil-għan li niddefendu l-ħajja sa mill-bidu tat-tnissil tagħha f'ġuf ommha sal-mewt naturali. Inkunu wlied il-kultura tal-ħajja u mhux dik tal-mewt.
Il-Mulej jagħtikom is-sliem!

ROBERT ALOISIO



# Oliver Friggieri u l-Annimali

(It-3 parti)

## L-Annimali u l-Virtuwijiet Morali

Jekk għall-poeti Romantiċi xi annimali huma simboli tal-virtuwijiet morali, għal Friggieri l-annimal innifsu huwa l-aqwa espressjoni ta' dik il-virtù, iktar mill-bniedem innifsu. Ngħidu aħna l-ħmar, wieħed mill-annimali favoriti tiegħu, skont Friggieri huwa ġabra tal-virtuwijiet morali. Huwa annimal umli, ubbidjenti, bla pretensjonijiet. Saħansitra jsejjaħ lill-ħmara "qaddisa".

Qaddisa l-ħmara.
Il-virtujiet morali
tħarishom dejjem. (*Ħajku,* 200)



Il-bniedem, li aħna dejjem tgħallimna li huwa ħlejqa superjuri, fir-realtà jagħmel orruri li l-annimali ma jagħmlux. Fi kliem l-awtur Amerikan Mark Twain, "il-bniedem hu l-uniku annimal li jagħmel l-atroċità tal-atroċitajiet: il-gwerra. Hu l-uniku wieħed li jiġbor lil niesu u jmur jeqred kiesaħ u biered lil tal-istess speċi tiegħu." Friggieri, paċifista kbira, jirrifletti fuq dan ukoll. Waqt il-gwerer l-annimal jirriżulta ħlejqa moralment superjuri għall-bniedem.

Alla fil-gwerer
jitfarraġ biss iħares
lejn l-annimali. (*Ħajku,* 110)

Stenbaħ ikanta
l-għasfur fuq l-art tal-gwerra.
Ma jafx jispara. (294)

## Il-Lingwa t'Alla u tal-Annimali

Ħafna jaħsbu li l-annimali m'għandhomx lingwa imma fil-verità l-annimali

jikkomunikaw bejniethom. Għandhom il-lingwa tagħhom.

Il-bniedem jaħseb
li l-annimali muti.
Ma jafx il-lingwi. (*Ħajku,* 150)

Hija lingwa li Alla jifhimha għax l-annimali huma ħolqien tiegħu bħalna l-bnedmin. Għandhom "l-istess marki tas-swaba'". U la jifhimha Alla, jifhimha wkoll il-poeta, għax l-ispirtu fih mhuwiex mejjet.

Fid-daħla għal *L-Antoloġija tan-Natura* (1995), li Friggieri ġabar flimkien mal-poeta Mario Azzopardi, huwa jgħid: "Dan kollu jafu kull min għall-inqas fl-iskola qalleb l-iċken ktieb letterarju, l-aktar jekk kien ktieb tal-poeżija. Liema poeta ma tkellimx mas-sħab, mal-widien, mas-siġar, u fuq kollox ma' ħutna l-annimali? Liema poeta ma ġabx ruħu ma' għasfur bl-istess mod li jġib ruħu ma' bniedem? Ma' liema għasfur il-poeta ma fetaħx qalbu beraħ? Għal liema annimal il-poeta ma għamilx apprezzament u difiża liema bħalha? Għall-poeta huma sikwit l-annimali l-ħlejjaq li jinsabu l-eqreb lejn Alla nnifsu, il-ħallieq tagħhom li ħalaqhom biex jinħabbu u biex jgħixu fis-sliem u fis-saħħa bħal kulħadd."

Hemm fuq il-ħlejjaq
l-istess marki tas-swaba'.
Il-Ħallieq wieħed. (*Ħajku,* 174)

Għasfur qal kelma
li ħadd ma fehem. Lil Alla
daħlitlu f'qalbu. (141)

Karba ta' dudu
ma jismagħhiex il-bniedem,
iżd'Alla iva. (438)

Il-bniedem t'Alla jifhimha l-lingwa tal-annimali. Bosta qaddisin, speċjalment dawk fit-tradizzjoni Franġiskana, kienu



*Ritratt: DOI - Reuben Piscopo*

jifhmu l-lingwa tal-annimali. San Franġisk t'Assisi nnifsu, li fil-fatt kien poeta, kien jitkellem mal-għasafar u mal-famuż lupu ta' Gubbio, li saħansitra għamel ftehim miegħu biex ma jattakkax lin-nies tar-raħal. Sant'Antnin ta' Padova, l-ewwel Franġiskan studjuż, tkellem mal-ħut meta n-nies ma ridux jisimgħuh. San Ġużepp ta' Copertino, "il-qaddis li jtir", ukoll kien jitkellem mal-annimali.

## U x'lingwa jitkellmu l-annimali?

Fuq kollox, l-annimali jitkellmu bl-għajnejn, b'mod speċjali l-klieb. Saħansitra għajnejn ħuta mejta jkellmuh lill-poeta u ma jħalluhx komdu fuq il-mejda tal-ikel.

L-għajnejn jitkellmu.
Hekk Alla jagħti l-lingwa
lill-annimali. (*Ħajku,* 463)

L-imħabba! Ħares
fl-għajnejn ta' kelb u tara
lil qalbu fihom. (356)

Il-platt bil-ħuta
imħawwar sew. Għajnejha
ċassi jixluni. (139)

Imma hemm bnedmin li ma jifhmux il-

lingwa tal-annimali, fosthom dawk aljenati bl-ispettakli tal-moħqrija tal-annimali. F'ambjenti bħal dawn il-lingwa tal-annimali ma tinftiehemx. Bnedmin aljenati b'dal-mod lanqas biss jissuspettaw li annimal għandu lingwa tiegħu.

Jistaqsi t-toru
lill-matador: "X'għamiltlek?"
Ħadd ma jisimgħu. (*Ħajku,* 445)

In-nemla tokrob.
Widnejn il-bniedem jaqbdu
biss ħsejjes goffi. (390)

Mill-banda l-oħra, annimal jifhem il-lingwa ta' Alla, filwaqt li l-bniedem aljenat lanqas din ma jifhem.

Ma tfuħx il-warda
u ma jgħannux l-għasafar
met'Alla jibki. (467)





*Ritratti:*
*DOI - Clifton Fenech*

# VUĊI MISSJUNARJA

jixxandar fuq Radju Marija

- Segwi l-esperjenzi u l-avventuri ta' ħutna l-Maltin u l-Għawdxin fl-artijiet tal-missjoni, esperjenzi li jħalluk bla nifs u bla kliem iżda li jimlewk b'ammirazzjoni għall-kuraġġ ta' dawn l-eroj tas-skiet!
- Kun af bil-proġett ta' fejda li huma qed iwettqu għal miljuni ta' nies fil-bżonn, nies imxerrda fl-erba' naħat tad-dinja.
- Issir taf dan kollu u ħafna aktar fil-programm VUĊI MISSJUNARJA li jixxandar kull nhar ta' Ġimgħa fid-9.00pm fuq Radju Marija (102.3FM għal Malta u 107.8FM għal Għawdex) b'ripetizzjoni kull nhar ta' Tlieta fis-6.00am, bi produzzjoni u preżentazzjoni ta' Dr Frank Cassar u Helena Sammut.





PATRI MARIO ATTARD OFMCap

# Kemm ħa norqod ferħan!

Kull darba li jkolli l-grazzja nqarar nista' ngħid li għalija dejjem tispiċċa tkun barka tassew kbira. Għalhekk, meta tiġini f'idejja l-karta tal-qrar wara li jsir it-tqarbin mas-swali kollha tal-isptar, nitbissmilha u nberikha!

Il-qrar! Kemm hu tabilħaqq sagrament kbir! Sagrament li lili u lilek jimliena bil-kuraġġ, bit-tama u bil-fejqan ta' Ġesù Kristu Sidna! Bħalissa qed niftakar f'dak li kien qal il-Papa Franġisku fl-udjenza ġenerali tat-13 ta' Novembru 2013 rigward il-qrar: *Anki meta l-bieb li l-magħmudija fetħitilna biex nidħlu fil-Knisja jitbexxaq xi ftit, minħabba fid-dgħufijiet u d-dnubiet tagħna, il-qrar jiftħu mill-ġdid, għax hu bħat-tieni magħmudija li taħfrilna kollox u ddawwalna biex nimxu 'l quddiem bid-dawl tal-Mulej.*

Tafu li hu dan l-ispirtu li jien induq kull darba li l-Mulej jagħtini l-grazzja li nagħti l-maħfra f'ismu u f'isem il-Knisja tiegħu? Kemm tassew jidħol dawl ta' ferħ fil-persuna li tkun talbet biex tirċievi dan is-sagrament daqshekk qaddis u ta' ħniena liema bħalha!

Il-ġurnata niftakarha sewwa. Kienet waħda minn dawk it-twal nett. L-għaliex biex ngħin lil wieħed minn ħuti l-Kapuċċini li jaħdem miegħi fl-isptar, kelli naħdem shift ta' mhux anqas minn 14-il siegħa xogħol fi sptar li ma jispiċċa qatt. Imma, ħuti, meta jkun il-Mulej li jimliek bi





mħabbtu u bil-ħniena tiegħu, din il-ħaġa tagħmilha wkoll, tafux! Anzi! Tagħmilha bil-ferħ u bl-entużjażmu kollu! L-għaliex, kif tgħallmuni tant tajjeb intom, fuq Alla m'hemm ĦADD!

Wara li qarart xi persuni kien imissni mmur inqarar lilu. Dħalt ħdejh fis-sala. F'dak il-waqt kien qiegħed ħdejn il-komodina tas-sodda tiegħu, bil-wire tad-drip imwaħħal ma' idu fuq in-naħa l-oħra. Xħin rani wiċċu xegħel! *Hawn, Patri! Grazzi li ġejt!* qalli. *Kemm nitfarraġ meta nara lill-pazjenti japprezzaw dak li aħna, miċ-ċokon tagħna, nagħmlu magħhom!* U biex ma ntawwalx, għedtlu: *Meta tixtieq tqerr, f'idejk, ħabib!* Tibgħżux! Kienet din il-kelma li kien qed jistenna! L-għaliex mill-ewwel resaq ħdejja u għamel il-qrara tiegħu. Wara li qerr niftakru jgħidli dawn il-preċiżi kelmiet: *Kemm ħa norqod ferħan illum!* Il-kelmiet tiegħu għoġbuni! Niżluli għasel! Tawni kuraġġ kbir! Saħħewni! Mela x'faraġ hemm meta wieħed imur iqerr, hux! Meta persuna tkun tista' tħaffef it-tagħbija li tkun qiegħda ġġorr!

Kienu ħafna d-drabi li jien, f'dawn is-snin li l-Mulej qed itini l-grazzja li nkun saċerdot tiegħu u naħdem miegħu mal-morda, dejjem mingħajr ma jisthoqqli, kelli l-grazzja li nisma' dan il-kumment daqshekk sabiħ! O kemm il-bniedem jistrieħ meta jsib min jisimgħu! Min jimxi miegħu fit-triq! Min jagħtih kuraġġ! Min jagħtih tama! Min, anki bis-skiet attent u ħanin tiegħu, jgħinu jara għażliet oħra fil-ħajja mqallba li jkun għaddej minnha! Jgħinu, iva, jara s-sitwazzjoni tiegħu f'dawl ġdid.

Għax x'qatt ġab verdett, ħbieb? Darba persuna għarfa fil-liġi qaltli kemm isir ġid bil-liġi. Iva, u m'għandix dubju. Imma l-liġi dejjem tibqa' xi ħaġa tagħna l-bnedmin. Biex, fit-tentattiv tagħna li xi kultant ikun frustrat u limitat, nippruvaw nikkontrollaw ir-realtà aħna. Imma, u fil-verità, ir-realtà hija tabilħaqq ikkontrollata meta hija mifdija bil-ħniena! Imħaddna bil-ħniena! Imsaħħa bil-ħniena! Immexxija bil-ħniena! Bil-ħniena tal-Mulej li hu l-istess ħniena! Huwa hemm u hemm biss li r-realtà hi tabilħaqq akkumpanjata u rregolata!

*Kemm ħa norqod ferħan!* Xi trid aktar, Patri/Saċerdot/Isqof/Papa? Hemm, ara! Dan il-bniedem sejjer jorqod ferħan! U min hu dan il-bniedem? Huwa pazjent fl-isptar. Pazjent imdaħħal fiż-żmien. Pazjent li għandu t-toqol xi jġorr f'ħajtu. Pazjent li għandu l-ġlidiet tiegħu x'jagħmel. Pazjent li għadda u għadda. Li bħal donnu daħal fil-litanija eżistenzjali tal-ħajja li daħlu ħafna fiha llum. Dik il-litanija ta' waħda wara l-oħra. Il-litanija ta' dawk li donnhom ma jistgħux jieħdu r-ruħ!

Għax il-ħajja, ħuti, hija sfida għal kulħadd. Anki għal min hu anzjan. Il-ħajja timponi fuqna l-kundizzjonijiet tagħha. Is-sabiħa hi, imma, li dawn il-kundizzjonijiet konna aħna stess li tfajniehom f'ħoġor il-ħajja. U issa, bħan-nagħaġ ta' Bendu, se jkollna nitqannew bihom aħna!



Mela ejja lill-ħajja nħaffulha t-tagħbija li poġġejnielha aħna stess billi nippermettulha tagħtina ċ-ċans li nisimgħu lil xulxin... li nagħtu spazju lil xulxin... li naħfru lil xulxin... li nfarrġu lil xulxin! L-għaliex meta nagħmlu dan ikun Kristu stess li fina jkun qed jagħmel dan kollu! L-istess bħalma jagħmel fina s-saċerdoti permezz tas-sagrament tal-qrar. Dak is-sagrament tas-serħan. Is-sagrament li, minn din l-esperjenza, issa qed jibgħat lin-nies jorqdu ferħanin!

Tgħid hawn bżonn min imur jorqod ferħan? Intom li tkunu man-nies, bħalma l-Mulej jagħtini l-grazzja li nkun jien, tafu tajjeb li hekk hawn bżonn. Hawn min jibla' ma nafx kemm-il waħda, basta jipprova jistrieħ ftit billejl. Jekk jirnexxilu jew jirnexxilha! Għax hawn it-toqol, ħbieb! U l-ebda ħliqa ma tkun tista' tagħlaq għajn m'għajn jekk ma jkollhiex qalbha, ruħha u l-kuxjenza tagħha kwieta.

Personalment l-esperjenza ta' dan ir-raġel għalija kienet tfakkira ta' dak li qal il-Papa Franġisku f'udjenza ġenerali nhar id-19 ta' Frar 2014 meta qal: *Hu Ġesù li jinsab hemm, u Ġesù hu wisq itjeb mill-qassisin. Ġesù jilqgħek għandu; jilqgħek għandu b'tant imħabba. Agħmel il-qalb u mur qerr!* Ta' patri, dan nista' nixhdu! Naf li jien, bħala patri, mhux talli m'iniex tajjeb, talli lanqas noqgħod ħdejn is-suba' ż-żgħir ta' Ġesù! Biss, naf ħaġa waħda: li f'dak il-mument tal-qrar ma nkunx jien imma jkun HU! Iva! Hu jkun li ħa kontroll tiegħi! Huwa hu li jkun qed juri tant ħniena u mogħdrija lil min ikun naqas! Għax Hu mhux ta' din id-dinja! Hu mhux tad-dinja! Lanqas tal-Knisja! Hu... Alla!

Mur għall-qrar, ħa tgħix ferħan, ferħana! Mingħajr toqol fil-kuxjenza tiegħek! U tgħix, iva, bil-kotra!





KITBA TA' JOSEPH C. CAMILLERI
RITRATTI TA' PIERRE EUGENE BUTTIGIEG

# Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira f'Malta u Għawdex (it-3 u l-aħħar parti)

## Żviluppi fil-vari

Sett tradizzjonali ta' vari tal-Passjoni ssawwar sas-seklu 19 u kien magħmul minn 8 vari. Dawn kienu l-Ort, il-Marbut, l-Ecce Homo, ir-Redentur, il-Veronika, il-Vara l-Kbira, il-Monument u d-Duluri. Kull purċissjoni jkollha dawn il-vari, ħlief dik tal-Katidral t'Għawdex.[1] L-ewwel innovazzjonijiet seħħew mill-istatwarju Karlu Darmanin bejn is-snin 1878 u 1908. Fl-1878 Karlu Darmanin ħoloq vara tal-Ort b'żewġ anġli minflok wieħed. Ħal Qormi, qrib is-sena 1890, daħħal din it-tip ta' vara. Ħafna jaħsbu li hi xogħol Karlu Darmanin. Wieħed minnhom hu V. Caruana. Dan l-istudjuż jgħid li l-istil ta' din il-vara hu dak ta' Karlu Darmanin. Fl-aħħar nett Karlu Darmanin ħoloq Veronika ma' tifla żgħira li għandha bomblu f'idejha.[2]

## Żviluppi fil-vari tal-Passjoni fuq skala nazzjonali

Fl-1908 Karlu Darmanin daħħal vara tal-Passjoni ġdida – it-Tradiment ta' Ġuda. Ħafna lokalitajiet, mill-1961, daħħlu din it-tip ta' vara. Bejn is-snin 1961 u 1999 f'Malta u f'Għawdex kien hawn 10 vari tat-Tradiment. Raħal Ġdid u Bormla għandhom it-tieni vara tat-Tradiment. Billi din it-tip ta' vara kisbet fama fost il-Maltin, bħal kull vara oħra tal-Passjoni, il-Maltin għammduha bl-isem ta' 'it-Tradiment' jew 'ta' Ġuda'.[3]

It-tieni żvilupp fil-vari tal-Passjoni kien magħmul minn vari li qatt ma kienu eżistew fis-sett tradizzjonali. Insibu vari tal-Aħħar Ċena, ta' Ġesù jiltaqa' mal-Madonna fit-triq lejn il-Kalvarju, l-għaxar stazzjon tal-Via Sagra, Xmun iċ-Ċirinew, id-Depożizzjoni, u ċ-Ċaħda ta' San Pietru.[4]

It-tielet żvilupp kien jikkonsisti fl-elaborazzjoni ta' diversi episodji li kienu diġà rappreżentati fis-sett tradizzjonali. Anke l-vara tat-Tradiment rat dan it-tip ta' elaborazzjoni.[5] Ta' min jgħid li mhux kull purċissjoni rat dan it-tip ta' żvilupp. Il-purċissjonijiet tal-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla, il-Belt Victoria (San Ġorġ) u tax-Xewkija ma kellhom l-ebda tibdil fis-sett tal-vari. Min-naħa l-oħra s-sett tal-vari ta' Ħal Qormi u taż-Żejtun kellhom l-iktar żviluppi.

1. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-gżejjer Maltin*. Pubblikazzjonijiet Indipendenza, Malta, 2012: 65.
2. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 66-67.
3. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 68.
4. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 69.
5. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 70-72.





Id-Duluri tal-knisja Ta' Ġieżu, il-Belt Valletta

Ir-Redentur mirakoluż tal-Isla

## Vari ta' devozzjoni kbira

Fost dawn il-vari kollha nsibu xi vari li kisbu devozzjoni speċjali fost il-Maltin u l-Għawdxin. Ir-Redentur tal-Isla hu meqjus bħala vara mirakoluża. L-awtur tal-vara mhux magħruf. Tant kemm kiseb fama mal-Maltin li ftit huma l-vari tar-Redentur li ġew elaborati.[6] Din il-vara toħroġ f'diversi purċissjonijiet matul is-sena. Vara oħra li kisbet devozzjoni kbira fil-qalb tal-poplu Malti kienet ir-Redentur tas-sett tar-Rabat, Malta. Fl-1832 l-Isqof Francesco Saverio Caruana kkonċeda 40 jum indulġenzi lil kull min jgħid il-Kredu quddiem din il-vara.[7] Din il-vara toħroġ it-Tlieta tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Il-vara tad-Duluri tal-Belt Valletta hija vara b'devozzjoni kbira. Tant hi kbira li meta t-Tarxiniżi ordnaw il-vara tad-Duluri wara t-Tieni Gwerra Dinjija, ħadu din il-vara bħala mudell għall-vara tagħhom. Id-Duluri tal-Belt Valletta hi xogħol Saverio Laferla. Is-sejf, il-kuruna simbolika u l-imsiemer huma tal-fidda u saru mill-flus miġbura fost il-Maltin wara l-pesta tal-1813. Milli jidher il-vara diġà kellha sejf u stellarju tal-fidda qabel għaliex jissemmew fl-inventarju tal-1798.[8]

Għawdex ukoll għandu l-vari devozzjonali tal-Passjoni. Il-purċissjoni li toħroġ mill-Bażilika ta' San Ġorġ għandha l-kurċifiss tal-Vara l-Kbira li jgawdi minn devozzjoni kbira. Dan sar minn Pietro Paolo Azzopardi fl-1848, u tħallas mill-ġbir li kien għamel Ċikku Schembri u ħutu fuq id-dgħajsa tagħhom, li kienet taqsam il-Fliegu.[9] Għawdex għandu wkoll żewġ vari tad-Duluri li huma miżmuma b'devozzjoni. Hemm id-Duluri li tinsab fil-knisja ta' San Ġakbu. Sas-sena 1981 din il-vara kienet tintuża għall-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Illum toħroġ fit-toroq tal-Belt Victoria f'jum id-Duluri.[10] Fl-aħħar nett hemm id-Duluri tax-Xewkija. Din il-vara hija rappreżentazzjoni tal-*Pietà*. Din il-vara saret f'Marsilja mid-ditta Gaillard.[11]

6. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 128.
7. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 162.
8. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 179.
9. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 210.
10. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 213.
11. Grima J. F. *Il-Vari tal-Ġimgħa Mqaddsa*... op. cit.: 231.

## Talb il-poplu

Xhieda ta' kemm il-vari tal-Passjoni huma marbutin mal-qalb tal-poplu hi t-talb popolin. Quddiem il-vara tal-Marbut il-poplu kien jitlob hekk:

Jiddispjaċini għalik, Mulejja,
meta qabduk, rabtuk mal-kolonna;
San Ġwann parta minn Kristu,
mar isabbar il-Madonna.[12]

Quddiem il-vara tal-Ecce Homo l-poplu kien jitlob talba simili ħafna għat-talba li kien ħoloq għal quddiem il-Marbut. Din tgħid hekk:

Jiddispjaċini għalik, Mulejja,
meta inkurunawk bix-xewk;
ommok Marija addolorata
għax binha sejjer għall-mewt.[13]

Talba oħra li kienet tingħad quddiem l-Ecce Homo kienet din:
Ġesù Nazzarenu,
Sultan tal-Lhud,
maħfra u ndiema
qabel immut.[14]

F'jum id-Duluri l-poplu kien iżur il-knejjes u jieħu sehem fil-purċissjonijiet f'ġieħ Marija Addolorata, ġieli ħafi u jgħid din it-talba:

Sawma tas-seba' bukkuni
f'dan il-jum għalik, Marija,
jew dik ta' ħobż u ilma,
illum lilek noffriha.[15]



Illum minn 19-il purċissjoni tal-Passjoni 3 biss ma joħorġux fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira. F'Ħadd il-Palm isiru żewġ purċissjonijiet. Dawn huma ta' Ħal Għaxaq u ta' Ħal Għargħur. Il-purċissjoni ta' Ħal Għargħur tinkludi dramm li jkollu l-ewwel att qabel tibda l-purċissjoni u l-aħħar att fi tmiem il-purċissjoni. Il-Belt Victoria għandha żewġ purċissjonijiet tal-Passjoni. Kull Ġimgħa l-Kbira ssir daqqa tal-Katidral u daqqa ta' San Ġorġ. Meta ma jkunx imisshom li toħroġ fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira, il-purċissjoni tal-Katidral toħroġ f'Ħadd il-Palm u dik ta' San Ġorġ f'Ħamis ix-Xirka.

Fl-imgħoddi mhux kull purċissjoni tal-Passjoni kienet toħroġ f'jum il-Ġimgħa l-Kbira. Il-purċissjoni Qormija kienet toħroġ f'Ħadd il-Palm waqt li tal-Belt Valletta u tan-Naxxar kienu joħorġu f'Ħamis ix-Xirka. Tal-Isla kienet issir jew f'Ħamis ix-Xirka jew fil-Ġimgħa l-Kbira. Il-purċissjonijiet tar-Rabat, Bormla u l-Birgu kienu jsiru f'jum il-Ġimgħa l-Kbira.[16] Minn żmien għal ieħor il-

12. Attard A. F. "Folklore tal-Ġimgħa Mqaddsa" f'*Aurora. Leħen il-Banda Leone*. Nru 9, Mejju 1987: 7.
13. Attard A. F. "Folklore... op. cit.: 7.
14. Attard A. F. "Folklore... op. cit.: 7.
15. Attard A. F. "Folklore... op. cit.: 7.
16. Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira" f'*Il-Ġens Speċjali*. 23-iii-1989: 15.

mexxejja tad-djoċesi ħarġu ordnijiet biex jikkontrollaw dawn il-purċissjonijiet. L-Isqof Michele Balaguer Camarasa ordna li l-purċissjonijiet kellhom fil-knisja sa nżul ix-xemx.[17]

L-Isqof Carmelo Scicluna ħareġ ordni fl-1879 biex din id-drawwa tispiċċa u l-purċissjonijiet kollha joħorġu f'jum il-Ġimgħa l-Kbira.[18] Din l-ordni ma tantx niżlet tajjeb mad-dilettanti, speċjalment dawk Beltin. Kien hemm min opponieha.[19]

Minkejja dan, kulħadd obda l-ordni u l-purċissjonijiet kienu aktar serji.[20] Milli jidher din l-ordni ntesiet għaliex l-Isqof Vincenzo Labini reġa' ħareġ ordni simili. Min-naħa l-oħra l-Isqof Pietru Pace fi tmiem is-seklu 19 ħareġ ordni li dawn il-purċissjonijiet kellhom jidħlu fil-knejjes sat-8 ta' filgħaxija.[21]

## Min jieħu sehem

Fil-purċissjonijiet tal-Passjoni nsibu seba' gruppi ta' nies. Insibu tfal lebsin iż-żimarra. Dawn iġorru fanali, bandalori, imħaded, slaleb żgħar u tabelli bil-kliem. L-aktar magħrufin huma l-bandalori tas-Seba' Kelmiet. Fuq l-imħaded ikun hemm is-simboli tal-Passjoni, bħall-kuruna tax-xewk, l-imsiemer, is-serduk eċċ.[22] It-tieni grupp huma l-fratelli. Insibu l-fratelli tal-Agonizzanti, tal-Kurċifiss u tad-Duluri. Liema fratellanza jew fratellanzi jieħdu sehem jiddependi minn min oriġinarjament daħħal din il-purċissjoni fil-kalendarju tal-



Personaġġi li joħorġu mill-knisja tal-Birgu

parroċċa. Xi fratelli jerfgħu anke xi vari.[23] It-tielet grupp huma tal-ktajjen. Dawn ikaxkru l-ktajjen jew jerfgħu xi salib kbir bħala wegħda jew tpattija għad-dnubiet. Ir-raba' grupp huma n-nies li jkunu ħafjin wara l-vara tad-Duluri.[24]

Il-ħames grupp huma l-iScouts, il-kavallieri quddiem il-vara tad-Duluri u s-suldati Rumani/Scouts li jkunu quddiem il-vara tar-Redentur. Is-sitt grupp huma dawk libsin ilbies bibliku. Insibu nies sew mit-Testment il-Qadim u sew mit-Testment il-Ġdid. Dawn il-personaġġi għandhom x'jaqsmu mal-Passjoni u s-salvazzjoni tal-bniedem. Dawn il-personaġġi jġorru magħhom is-simboli. L-aħħar grupp huma d-'daqqaqa'. Xi purċissjonijiet jiftħu permezz ta' personaġġi li jdoqqu l-fifra u t-tanbur. Quddiem il-Vara l-Kbira jkun hemm il-banda. Anton F. Attard jgħidilna: "In-noti kiebja u bekkejja tal-istrumenti mużikali jdaħħluna fl-ispirtu tal-mewt ta' Ġesù għas salvazzjoni tal-midinbin."[25]

17. Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 16.
18. Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 15. Ara wkoll *L'Ordine*. 20-iii-1879.
19. Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 15. Ara wkoll *L'Ordine*. 2-iv-1879.
20. Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 15, Ara wkoll *L'Ordine*. 16-iv-1879.
21. Anonimu. "Il-Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 16.
22. Attard A. F. "Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira – ġrajja biblika, storja, gruppi u personaġġi bibliċi u penitenzjarji, tradizzjonijiet u folklor, arti u mużika" f'*Aurora. Leħen il-Banda Leone.* Nru 20 – Jannar-Marzu 1990: 3.
23. Attard A. F. "Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 3.
24. Attard A. F. "Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 3.
25. Attard A. F. "Purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira..." op. cit.: 3.

RIFLESSJONIJIET:

DUN MIKIEL GALEA



# Nittawwal fil-qalb ta' Alla!

## 1. Minn dak li ġieli qalet il-Qaddisa Madre Tereża

Jgħid Angelo Comastri, illum kardinal: "Nieħu gost li ġejt mitlub nikteb xi ħaġa dwar Madre Tereża, għax kemm bħala saċerdot kif ukoll bħala isqof kelli x-xorti niltaqa' magħha u nkellimha kemm-il darba, però mill-banda l-oħra nħossni ftit imbarazzat għax fis-sempliċità tagħha Madre Tereża hija indefinibbli: ma tistax tiddeskriviha, ma tistax tirrakkuntaha. Ħajjitha kienet mgħaddsa sew fil-misteru ta' Alla! L-ewwel darba li ltqajt magħha ħaditli jdejja, rassithomli f'tagħha, bħal donnha riedet tgħaddili dak li kellha f'qalbha, u qaltli: 'Ibni, mingħajr Alla aħna nsiru fqar wisq biex nistgħu ngħinu lill-fqar. Żommha f'moħħok: jiena mara fqira li nitlob. Kull meta nitlob, Alla jpoġġili f'qalbi ħafna mħabba u b'din l-imħabba jirnexxili nħobb il-fqar!' Qatt ma nsejtu dad-diskors li qaltli..."

Waħda mara anzjana għexet ħajja mgerfxa ħafna u ltaqgħet ma' Madre Tereża, li laqgħetha f'waħda mid-djar tagħha, ħabbitha u kienet tikkuraha bil-ħlewwa. Darba minnhom staqsietha: "Madre, minn fejn tgħallimtha dit-tjubija kollha?" Madre Tereża weġbitha: "Dit-tjubija għallimhieli Alla tiegħi!"

F'April tal-1982 Madre Tereża kellha okkażjoni tiltaqa' mal-co-workers Ġappuniżi u fost l-oħrajn qaltilhom: "Dejjem nitkellmu fuq imħabbitna lejn Alla. Illum irrid nitkellem fuq l-imħabba tiegħu lejna... Jgħidilna fl-Iskrittura: 'Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha u ma tħennx għal bin ġufha? Anki jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt! Ara, naqqaxtek fuq il-pala ta' jdejja.' Kull darba li Alla jħares lejn idejh Huwa jara lili u jara lilek. Fit-tbatija, fl-umiljazzjoni, fil-falliment, meta tħossok waħdek... ftakar li int qiegħed hemm f'idu... Huwa jħobbok."

## 2. Xi konklużjonijiet

Madre Tereża hija l-mara li mellset u dewwiet il-qalb ta' ħafna nies, speċjalment il-qalb tal-fqar, tal-batuti u tal-emarġinati, però iktar minn hekk, hija l-mara li qabelxejn ippruvat tittawwal u tidħol fil-qalb ta' Alla! Angelo Comastri qal: "Ħajjitha kienet mgħaddsa sew fil-misteru ta' Alla!" Minħabba f'hekk l-imħabba tagħha lejn l-oħrajn ma kinetx sempliċement filantropija iżda mħabba Nisranija fi grad għoli għax immotivata mill-imħabba t'Alla.

Ħafna nies jammiraw il-qalb kbira ta' Madre Tereża, però forsi ta' min jammira iżjed il-qalb ta' Alla, għax "il-messaġġier mhuwiex aqwa minn min jibagħtu" (ara Ġwanni 13, 16). "Dit-tjubija għallimhieli Alla tiegħi!" L-imħabba tagħna lejn xulxin mhix għajr rifless żgħir tal-imħabba li Alla għandu għal kull wieħed u kull waħda minna. "Tista' mara tinsa t-tarbija tagħha u ma tħennx għal bin ġufha? Anki jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt." (Iżaija 49, 15)

Nisimgħu ħafna fuq dmirna li nħobbu lil Alla qabel kollox u qabel kulħadd... Inħossu wkoll sens ta' ħtija meta nindunaw kemm għadna 'l bogħod minn dan l-ideal morali, però hux il-każ li nisimgħu u nirriflettu iżjed fuq Alla li jħobbna bi mħabba tal-ġenn? Għandi mnejn inkun qed inħobb lil Alla mhux biss meta attivament nagħmel xi ħaġa favur tiegħu iżda wkoll meta passivament inħallih iħobbni.

## 3. Kif se nittawwal fil-qalb ta' Alla?

Biex naħdem dan l-eżerċizzju rrid nirrikorri għas-simboliżmu u għall-antropomorfiżmu, jiġifieri ninqeda bit-tixbihat, u għad li mhux bniedem, lil Alla jkolli nxebbhu ma' bniedem; fl-aħħar mill-aħħar dan huwa l-metodu li tuża l-Iskrittura, pereżempju: Alla għandu qalb ta' Missier, Alla għandu qalb ta' Omm... Però sadanittant irrid inżomm f'moħħi li fil-misteru tal-Inkarnazzjoni Alla sar bniedem bħali u libes dak kollu li hu tal-bniedem. Ħadem b'idejn ta' bniedem, ħaseb b'moħħ ta' bniedem, aġixxa b'rieda ta' bniedem u ħabb b'qalb ta' bniedem (ara *Gaudium et Spes,* 22). Allura biex nittawwal fil-qalb ta' Alla rrid nittawwal fil-qalb ta' Ġesù, għax "Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-Waħdieni biex kull min jemmen fih ma jintilifx iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw. 3, 16). Il-Qalb ta' Kristu hija l-inkarnazzjoni tal-Qalb ta' Alla!

Interessanti ngħidu: dil-qalb ta' Ġesù, li nfetħet fuq il-kalvarju b'daqqa ta' lanza (ara Ġw. 19, 34) għadha miftuħa. Fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud u bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù, qagħad f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!" Kif qal hekk uriehom idejh u ġenbu (Ġw. 20, 19-20). Għadha miftuħa mhux biss bi prova tal-passjoni li sofra fuq is-salib iżda wkoll biex jien nittawwal fiha, nistkenn fiha, nixrob minnha... Huwa u jitkellem fuq il-qalb minfuda ta' Ġesù, San Bonaventura jgħidli: "Qum, ruħ ħabiba ta' Kristu, kun bħal ħamiema, itla' bejjet fix-xifer ta' dan l-irdum; kun bħal ħamiema, itla' bejjet fix-xifer ta' dan l-irdum; kun bħal għasfur li sab fejn jgħammar, ibqa' ishar f'dan it-tempju; kun bhal ħuttafa, poġġi ż-żgħar tiegħek f'din il-bejta... Qiegħed xofftejk ma' din il-qalb minfuda u ixrob mill-għejun tas-salvazzjoni..."

## 4. Ma' xiex niltaqa' jekk nittawwal fil-qalb ta' Alla?

Fil-qalb t'Alla niltaqa' ma' mħabba inkondizzjonata! Umanament għandi esperjenza kontinwa ta' mħabba



kundizzjonata. Inħobbok jekk tħobbni, imma... jekk... basta... meta... L-imħabba bejnietna l-bnedmin qisha biċċa ħwejjeġ: illum ilbistha, għada warrabtha; fil-bnazzi naħilfu li nħobbu lil xulxin, fil-maltemp nerġgħu naħsbuha; jekk jaqbilli, inħobbok, jekk nara li se nweġġa', aħjar nirtira... Fil-qalb ta' Alla m'hemmx imħabba bħal din: hemm biss imħabba mingħajr kundizzjonijiet. Nisma' lil Alla jgħidli: "Jien ħabbejtek qabel ħabbejtni int" (1 Ġw. 4, 10). "Tista' tħobbni u tista' ma tħobbnix... Xorta se nibqa' nħobbok!"

Fil-qalb t'Alla niltaqa' ma' ħafna ħniena – Alla li jitħassarni, Alla li jagħdirni, Alla ħanin miegħi! Umanament għandi esperjenza tad-dgħufija u tal-miżerja tiegħi, imma l-evanġelisti jippreżentawli lil Ġesù "mqanqal mill-ħniena" (Mk 1, 41), "jara n-nies u jitħassarhom għax imdejqa u mitluqa, qishom nagħaġ mingħajr ragħaj" (Mt. 9, 36), jara l-armla ta' Najn (li tilfet lil binha) u jitħassarha (Lq. 7, 13).

Fil-qalb t'Alla niltaqa' ma' ħafna maħfra! Umanament nagħmel esperjenza kontinwa tad-dnub fija u fl-oħrajn, imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu (Ef. 2, 4) jaħfirli u jinsa l-offiżi li għamiltlu. "Hu jixħet ħżunitna taħt saqajh, jarmi ħtijietna kollha f'qiegħ il-baħar" (Mikea 7, 19). Jgħid San Bernard: "Għamilt dnub kbir u ninsab imħawwad, imma ma niddisprax għax niftakar fil-pjagi tal-Mulej... Taqqbulu jdejh u riġlejh, nifdulu ġenbu b'lanza... biex jiena nara kemm hu tajjeb il-Mulej!"

# UFF, M'GĦANDIX ĦIN!




TALB

Min minna qatt ma ħares lejn l-arloġġ u qal, "Maaa, kemm sar ħin!" Sakemm ma tispiċċalux il-batterija l-arloġġ ma jieqaf qatt idur. U l-ħajja tal-bniedem l-istess! Ħin mogħti lilna bla ħlas, li hu imprezzabbli. Dan il-ħin, nista', iva, insejjaħlu l-ħin *tiegħi*, imma fl-istess waqt ma jien qatt verament il-propjetarju tiegħu. Li nista' nagħmel hu li nfittex li nużah tajjeb għax jekk nitilfu ma nistax inreġġgħu lura.

Kemm-il darba matul il-jum nikkomunikaw ma' xi ħadd? Jew infittxu xi forma ta' għajnuna? Kemm drabi nieqfu biex nirriflettu fuq ħajjitna, speċjalment dwar atteġġjamenti li jeħtieġ nibdel? Min ma jiqafx ftit biex japprezza dak li għandu f'ħajtu, jew dak li wasal għalih bl-għaraq ta' ġbinu? U fuq kollox min ma jfittixx lil xi ħadd li minnu jħossu maħbub? Dan hu dak li jkun qed jagħmel il-patri Kapuċċin meta *jieqaf ftit* biex jitlob (flimkien ma' kull min isib ħin jitlob!). Maqsuma f'ħinijiet differenti bejn ħidma, talb u mistrieħ, il-ġurnata tal-Kapuċċin għandha ħinijiet stipulati għat-talb. Fost dawn il-ħinijiet insibu ħin għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija, ħin għat-talb tas-salmi u ħin għall-meditazzjoni fis-skiet.

Dan ma jfissirx li dejjem faċli u mingħajr sforz. Ġieli l-ġurnata tkun mimlija sa ruħ ommha, kif jgħid il Malti. U waqtiet oħra l-aptit ikun nieqes mhux ftit. Imma bħal kull bżonn ieħor jeħtieġ li nagħmlu l-almu tagħna u *noħolqu spazju*, ħin biex nitkellmu mal-Ħallieq, mal-Maħbub, mas-Sid ta' ħajjitna. Għalhekk il-Kapuċċin matul il-jum jagħmel ħiltu biex isib ħin biex joqgħod ma' Alla tiegħu. Ġieli f'kamartu quddiem ikona u xemgħa tnemnem, drabi oħra fil-kappella quddiem il-preżenza ta' Ġesù fl-Ewkaristija u f'mumenti oħra fil-ġonna jew qalb in-natura, għall-ħsejjes taż-żiffa mas-siġar, xi tpespisa tal-għasafar u xi ilma nieżel.

Ħin hemm biżżejjed! Issa f'idejk kif se tqassmu. Ma ninsewx... hekk kif l-ikel isostni 'l ġisimna, it-talb isostni l-ispirtu ġewwa fina. U allura se nkun jien li nagħżel li nħalli l-ispirtu jegħreq ġewwa fija.

Għal aktar informazzjoni fuq il-ħajja tal-patrijiet Kapuċċini...
Br Jethro Bajada OFMCap
79059163

# Talba tal-Papa Franġisku f'isem u għal ulied Abraham

Fiż-żjara li l-Papa Franġisku wettaq fl-Iraq bejn il-Ġimgħa 5 u t-Tnejn 8 ta' Marzu 2021 ma naqasx li jmur iżur il-belt ta' Ur, belt minn fejn missierna fil-fidi Abraham telaq għal vjaġġ bil-għan li jobdi l-kmand ta' Alla. Hemmhekk flimkien ma' diversi Musulmani u Lhud, magħqudin ma' diversi rappreżentanti ta' knejjes oħra Nsara u gruppi ta' minorità reliġjuża fl-Iraq, il-Papa għamel talba għar-rikonċiljazzjoni, għall-paċi u wkoll għall-qawwa, bil-għan li dan in-nazzjon imfarrak jerġa' jinbena mill-ġdid.

"Jidher li rritornajna lura d-dar," il-Papa qal hu u jitkellem fil-post imwaqqaf ħdejn dak li tgħid it-tradizzjoni li kien id-dar ta' Abraham, ħdejn iż-Żiggurat il-Kbir ta' Ur. "Kien hawn li Abraham sema' s-sejħa t'Alla; kien minn hawn li beda l-vjaġġ li bidel l-istorja. Aħna l-frott ta' dik is-sejħa u dak il-vjaġġ."

**Talba:**

Alla setgħani, Ħallieq tagħna lkoll, int li tħobb il-familja tal-bnedmin kollha kif ukoll frott ta' xogħol idejk.

Aħna, bħala wlied Abraham, Lhud, Insara u Musulmani, flimkien ma' oħrajn li jħaddnu l-istess twemmin tagħna u dawk kollha ta' rieda tajba, flimkien inroddulek ħajr li tajtna lil Abraham, iben denn u maħbub ta' dan il-pajjiż, sabiex ikun il-missier komuni tagħna fil-fidi.

Inroddulek ħajr għall-eżempju li hu ħallielna bħala bniedem ta' fidi, il-bniedem li obda l-ordnijiet tiegħek b'mod sħiħ u sal-aħħar, meta ħalla warajh lill-familja tiegħu, it-tribù li lejh kien jappartieni u lil artu sabiex iterraq lejn art li lilu ma kinitx murija.



Inroddulek ħajr ukoll għall-eżempji ta' kuraġġ, ubbidjenza sħiħa, qawwa tal-ispirtu, ġenerożità u ospitalità li tajtna fil-missier komuni tagħna fil-fidi.

B'mod speċjali ngħidulek grazzi wkoll għall-fidi erojka tiegħu, li dehret fil-mument meta huwa kien lest li b'ubbidjenza għall-kmand tiegħek joffrilek lil ibnu b'sagrifiċċju. Aħna nafu li din kienet prova iebsa imma li minnha ħareġ rebbieħ, għax huwa kellu fiduċja bla ebda riserva fik, int li int kollok ħniena u li dejjem toffri possibiltajiet bil-għan li nistgħu nibdew mill-ġdid.

Aħna lkoll inroddulek ħajr għaliex, fil-barkiet li sawwabt fuq Abraham, hekk ukoll għamiltu barka għall-popli kollha.

Aħna lkoll flimkien, o Alla ta' missierna Abraham u Alla tagħna, nitolbuk li tagħti lilna lkoll fidi soda, fidi li tidher fl-opri tajba tagħna, fidi li tiftaħ il-qlub tagħna għalik u għal ħutna l-bnedmin kollha, flimkien ma' tama qawwija li tkun kapaċi tiddixxerni f'kull sitwazzjoni l-fedeltà tiegħek għall-wegħdiet tiegħek magħna.

Agħmel minn kull wieħed minna xhieda tal-imħabba kbira li inti għandek għal kull wieħed u waħda minna, speċjalment għar-refuġjati u dawk bla dar fissa, għar-romol u l-iltiema, il-fqar u l-morda.

Iftaħ qlubna sabiex naħfru lil xulxin u hekk b'dan il-mod tagħmilna strument ta' rikonċiljazzjoni, bennejja ta' soċjetà aktar ġusta u fraterna.

Ilqa' fil-paċi u d-dawl tiegħek lil dawk kollha li mietu, b'mod partikolari lill-vittmi tal-vjolenza u l-gwerer.

Kun ta' għajnuna għall-awtoritajiet bil-għan li jfittxu u jsibu l-vittmi misruqa u maħtufa, u li b'mod speċjali jħarsu lin-nisa u t-tfal.

Għinna nipproteġu l-art, id-dar komuni



tagħna, li inti frott it-tjubija u l-ġenerożità tiegħek qed tagħti lilna lkoll.

Mexxi lil idejna fix-xogħol tagħna sabiex nibnu mill-ġdid dan il-pajjiż, u agħtina s-saħħa neċessarja bil-għan li ngħinu lil dawk li ġew imġiegħla jitilqu warajhom djarhom u arthom. Lil dawn agħtihom il-qawwa li jerġgħu jirritornaw b'sigurtà u dinjità, bil-għan li jibnu ħajja ġdida, fis-sliem u r-risq abbundanti.

Ammen.





REV. DR MARTIN MICALLEF OFMCAP

# Kotba riċenti li fihom jidhru jew jissemmew il-patrijiet Kapuċċini (n. 3)

**Gozo: The Beauty, History, & Culture of an Island** (Malta: Miller Distributors in collaboration with the Ministry of Gozo, 2019), pp. 272 - huwa pubblikazzjoni ta' Joseph Bezzina b'fotografija ta' Daniel Cilia. Kif juri t-titlu, dan il-ktieb jittratta s-sbuħija, l-istorja u l-kultura tal-gżira t'Għawdex. Il-ktieb huwa mimli b'ritratti mill-isbaħ li mingħajr ma trid iġagħluk tistagħġeb quddiem is-sbuħija ta' din il-gżira. Fil-qoxra ta' ġewwa, il-ktieb jirriproduċi l-mappa t'Għawdex li kienet ġiet iddisinjata minn Patri Luigi Bartolo, Kapuċċin, wara li dan kien ġie kkummissjonat biex jagħmel hekk mill-magħruf Ġan Piet Franġisk Agius de Soldanis (1712-1770) għall-kitba famuża tiegħu fuq Għawdex bl-isem: *Il Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano* (1745).




P. Luigi Bartolo (c. 1681-1753) mill-Belt Valletta, ħallielna numru ta' mapep u pitturi oħra, fosthom pittura tal-Immakulata Kunċizzjoni li llum tinsab esebita fil-Mużew tal-Kapuċċini fil-Furjana. Huwa ħallielna wkoll manuskritt bl-isem *Apparato Cronologico nel quale si registrano e si nominano quei religiosi Capuccini di nazione Maltese,* f'żewġ edizzjonijiet differenti: wieħed miżmum fil-Biblijoteka tal-Kapuċċini fil-Furjana u l-ieħor fil-Biblijoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta. F'din il-kitba tas-seklu 18, P. Luigi jitkellem fuq l-istorja tal-Kapuċċini f'Malta fi żmien meta saru kustodja awtonoma minn dik ta' Sirakuża.



Flimkien mal-pjanta ta' Għawdex, li P. Luigi Bartolo iddisinja għall-kitba ta' de Soldanis, huwa kien ddisinja wkoll il-panorama tal-Kastell (iċ-Ċittadella) t'Għawdex. Dawn iż-żewġ disinji jinsabu miżmuma fil-Biblijoteka Nazzjonali fil-Belt Valletta. Il-mappa t'Għawdex kienet insterqet imma b'xorti tajba ġiet ritornata lill-istess Biblijoteka. B'rikonoxxenza lejn P. Luigi għal dawn id-disinji li kien għadu kemm ħadem, de Soldanis kien irregala lil P. Luigi kopja tal-manuskritt preparatorju tiegħu fuq Għawdex, li llum huwa kkonservat b'għożża kbira fil-Biblijoteka tal-Kapuċċini fil-Furjana.




F'paġna 240 tal-pubblikazzjoni *Gozo: The Beauty, History, & Culture of an Island*, fejn hemm miġbur tagħrif fuq il-festi f'Għawdex, insibu ritratt mill-isbaħ tal-vara titulari tal-Madonna tal-Grazzja merfugħa mir-reffiegħa li huma muzzetta ċelesti fuq libsa bajda. Ir-ritratt hu meħud fuq iz-zuntier tal-knisja f'jum il-festa, imżejna u mixgħula bid-dawl li jkompli jsebbaħ il-faċċata ta' din il-knisja li kienet ġiet iddisinjata mill-Kapuċċin Fra Ġużepp Grech mill-Isla (1687-1754). Diversi karti żgħar jidhru niżlin minn fuq il-bejt tal-knisja għal fuq in-nies li qed jimlew l-ispazju taz-zuntier. Il-vara titulari u devota tal-Madonna tal-Grazzja meqjuma fis-Santwarju tagħha f'Għawdex inħadmet mill-istatwarju l-ispazju Għawdxi Wistin Camilleri fl-1934. Il-festa tal-Madonna tal-Grazzja, festa ħelwa li tiġi ċċelebrata b'sempliċità kbira, hija l-aħħar festa li biha jagħlaq l-istaġun tal-festi f'Għawdex, Ħadd wara t-8 ta' Settembru.


The feast of the Blessed Virgin Mary of Graces celebrated at Il-Belliegħa, an old quarter of Victoria pictured here from Xagħra on the Sunday following 8 September, brings to an end the summer festa season to a close.

Din il-pubblikazzjoni reċenti tagħmel parti mill-kollezzjoni ta' Melitensia li nsibu fil-Biblijoteka tal-patrijiet Kapuċċini, il-Furjana.

# Poeżija miktuba minn membru tal-grupp Aflame

Qiegħda naħseb ftit dwar ħajti
u t-tibdil li jiena rajt
mindu 'l Alla daħħalt f'qalbi;
Inħoss il l-barka tiegħu qlajt.

Għalkemm jien mindu kont żgħira
ħajja tajba ppruvajt ngħix,
quddies dik ta' darba f'ġimgħa
jew għax ġej 'Milied' jew 'l-Għid',

qrar kont nevita u nitqarben
għax kont ngħid li m'hemmx għalfejn,
u ngħid, jiena, li mur ara,
billi nistqarr fiex fallejt!

Però darba waħda, b'ċikka,
iddeċidejt, kont, illi nqerr.
Iktar mort sabiex nipprova
'l ta' madwar ma ntihx xi jgħid.

Għall-grazzja t'Alla
sibt patri sew,
li permezz tiegħu
ħassejtni niftaħ l-għajnejn.

Bil-kalma kollha
kien qiegħed hemm
u mal-imħabba t'Alla
laqqagħni b'kelmtejn.

Imbagħad jien dħalt f'għaqda
biex nisma' l-laqgħat
u wkoll hemm niltaqa'
ma' min jixtieq jaf.

Lil Alla nixtarru
u wkoll naduraw,
biex huwa jberikna,
jurina sinjal.

Insaqsu fejn aħna
u wkoll fejn sejrin
u permezz tal-patri
gwida jkollna f'kull żmien.
Nipprova biex f'ħajti
spirtu ħaj jien inżomm;
permezz t'Aflame f'ħajti
'l Alla iktar inħoss.

F'daż-żmien ta' tbatija
b'kulħadd maqful sew
l-Aflame xorta sibna
jsabbarna mill-bogħod.

Kultant b'Zoom niltaqgħu,
ħsiebna nieħdu sew,
biex ma nkunux f'folla,
nevitaw id-dirett.

Ngħid jiena għalija
xorta waħda nħoss kenn,
nitkellmu bħal aħwa,
tagħna naqsmu wkoll ferħ.

Naraw l-uċuħ tagħna
fil-kumdità f'darna;
suġġett dejjem ġdid
il-ħajja turik.

Nitolbu fil-COVID,
nitolbu fil-ferħ;
fi żmien differenti
għat-talb qatt tgħid le!

Minn qalbhom il-brothers
ħsieb jieħdu tal-grupp;
b'impenn jidderieġu,
bi ħsieb imexxuh.

Hemm ukoll grupp ieħor
għall-koppji miż-żgħar –
Aflame+ ġie jismu,
B'nies fiż-żwieġ ingħataw.

Din l-għaqda wkoll qiegħda
tiltaqa' biz-Zoom;
bħalissa impossibbli –
kuntatt ma jkunx żgur.

Għalhekk jekk Nisrani
u tixtieq tkun f'xi grupp,
inħajrek tattendi
u tingħaqad ma ddumx.

F'ħajjitna nitgħallmu
lil Alla nfittxuh;
Hu żgur li hemm qiegħed,
anke 'k ma nħossuhx.

Għalhekk l-almu tagħna
jeħtieġ li nagħmluh,
insaqsu 'l fra minnhom
biex imexxina hu.

Minn hawn nawguralek,
jekk qiegħed fil-hemm,
biex 'l Alla tħoss jgħidlek
biex fih int tistkenn.




*Għal aktar informazzjoni dwar il-gruppi kkuntattja lil Fr Mark Sciclunа OFMCap.*



Fr Hilary Abela OFMCap

# Reġa' Sebaħ

"Reġa' sebaħ, ja Mulejja" tibda l-għajna ta' sbieħ il-jum, għanja li turi l-qawmien wara l-mistrieħ mix-xogħol. Hekk ġara fid-djoċesi ta' Malindi wara l-mewt tal-Isqof Emanuel Barbara OFMCap.

Alla li jista' kollox reġa' bierek id-djoċesi ta' Malindi bil-ħatra ta' isqof ġdid, li jismu Wilybard Lagho. Dan l-isqof ġie magħżul u maħtur mill-Papa Franġisku fit-28 ta' Diċembru tas-sena 2020.

## Id-djoċesi ta' Malindi

Id-djoċesi ta' Malindi, li twaqqfet fit-2 ta' Ġunju 2000, għandha firxa ta' 12,844 mil kwadru u tiġbor fiha ġemgħa ta' 386,861 persuna. F'din il-ġemgħa ta' nies hemm 59,255 li huma Kattoliċi waqt li n-nies l-oħra huma maqsumin bejn Misilmin u nies ta' twemmin ieħor. Id-djoċesi għandha 18-il parroċċa u 5 oħra huma fi triqithom biex isiru wkoll parroċċa.



Il-ħidma pastorali u soċjali tad-djoċesi hija maqsuma bejn 69 qassis djoċesan u reliġjuż kif ukoll 65 reliġjuża mara ta' għaqdiet imħallta. Dawn jieħdu ħsieb xogħol pastorali u soċjali fid-djoċesi ta' Malindi.

## In-nisġa tad-djoċesi

Il-Mulej li jista' kollox għamel il-ħsieb li jwaqqaf djoċesi ġdida bejn dik ta' Mombasa u Garissa minħabba l-firxa ta' art li hemm kif ukoll il-ħtieġa tal-Insara li jkunu mħarsa minn kull għawġ minħabba t-twemmin tagħhom. Ħarset il-Mulej waqgħet fuq il-Kapuċċini Maltin.



Patri Francis Baldacchino, Kapuċċin, ħass ġibda lejn il-ħidma missjunarja u fis-sena 1974 ġie l-Kenja. Bla tef ta' żmien beda jistudja l-ilsien ta' dawk li kien se jaħdem magħhom biex jikkomunika magħhom mill-aħjar li jista'.

Il-ħidma maż-żgħażagħ fl-iskejjel u t-twaqqif tal-parroċċa ta' Mpeketoni kienu għal qalb Patri Francis. Moħħu kien biex jimraħ ma' kullimkien fit-tfittxija tal-Insara biex iwettaqhom fit-twemmin Nisrani. Magħżul bħala mexxej tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenja għamel kemm seta' biex iż-żgħażagħ Kenjani u oħrajn li xtaqu jingħaqdu magħhom ikollhom fejn jgħixu. B'hekk bena

żewġt idjar kbar, waħda f'Nairobi u oħra fi Mpeketoni.

Il-ħeġġa għall-għaqda bejn il-Kattoliċi u l-Misilmin kienet tikwi f'qalb Patri Francis. Dan ġiegħlu jmur jagħmel studju fuq l-ilsien u t-twemmin tal-Misilmin, u wara beda jgħallem mhux biss lil ta' madwaru imma lil dawk li kienu bogħod minnu. Dan għamlu b'ħarġa ta' ktejjeb għal kull xahar bl-isem ta' *Come Closer.* Ix-xogħol ta' Patri Francis idda ma' kulimkien u l-Mulej Alla fit-2 ta' Settembru 2000 dilku biex ikun l-ewwel isqof tad-djoċesi ta' Malindi.

L-Isqof Francis Baldacchino OFMCap ħalla tliet tifkiriet warajh: iċ-ċentru pastorali, li huwa l-għajn għal kull ħidma pastorali u soċjali fid-djoċesi, is-santwarju Marjan b'ċentru għad-devozzjoni Marjana fid-djoċesi u ħidma kbira maż-żgħażagħ li riedu jsiru saċerdoti fid-djoċesi. L-Isqof Francis Baldacchino ħalla dan il-wied ta' dmugħ fid-9 ta' Ottubru 2009, issiġillat bil-miġja tas-sorijiet Kapuċċini tal-klawsura li kenu jgħixu f'Maua fit-Tanzanija.

Id-djoċesi ta' Malindi kienet qiegħda tistenna t-twelid ta' ragħaj ieħor għat-tmexxija tagħha. Wara disa' xhur ta' stennija, fid-9 ta' Lulju 2011 waslet l-aħbar li Patri Emanuel Barbara, Kapuċċin ġie magħżul b'isqof tad-djoċesi ta' Malindi.

Patri Emanuel Barbara fit-tmienja u għoxrin sena li dam il-Kenja kellu ħafna xogħol ta' tagħlim fit-teoloġija morali, ħidma pastorali kif ukoll tmexxija tal-aħwa Kapuċċini kemm Maltin kif ukoll Kenjani.

It-taħriġ li għamel l-Isqof Emanuel fit-teoloġija morali wasslu biex jaħseb fuq tant ommijiet u tfajliet li kienu jiġu abbużati sesswalment fi djarhom, fit-toroq u fuq ix-xogħol. Dan il-ħsieb wasslu biex bena ċentru bl-isem ta' Pope Francis Home biex jiddewwew dawk kollha li jkunu għaddejjin minn xi trawma f'ħajjithom.



L-Isqof Emanuel Barbara ħalla dan il-wied ta' dmugħ għar-raqda tal-mistrieħ ta' dejjem fil-5 ta' Jannar 2018.

Għal darba oħra d-djoċesi ta' Malindi kellha tibqa' sentejn iltima tistenna b'ħerqa kbira ragħaj ieħor. Din id-darba fl-20 ta' Diċembru 2020 ġie magħżul isqof ta' Malindi Rt Rev. Wilybard Lagho, imwieled Taita fl-arċidjoċesi ta' Mombasa.

L-isqof elett ta' Malindi kien ordnat saċerdot fil-25 ta' April 1987. Hu ħadem f'ħafna parroċċi tal-arċidjoċesi ta' Mombasa, għamel żmien twil rettur tas-seminarji fil-Kenja kif ukoll mar jistudja f'Ruma l-ilsien Għarbi u t-twemmin tal-Misilmin biex ikun kunsillier u għalliem għall-miġemgħa tal-Kattoliċi, Protestanti u Misilmin.

L-Isqof Wilybard Lagho għamel ħafna żmien Vigarju Ġenerali ta' tliet isqfijiet li ħadmu fl-arċidjoċesi ta' Mombasa.

Jalla d-djoċesi ta' Malindi timxi 'l quddiem fil-ħidma li saret sa minn mindu nħatret biex tkun ta' għajnuna għan-nies tagħha.





Mons. Joe Alessandro OFMCap
Isqof ta' Garissa, il-Kenja

# Fr Joe Galea OFMCap għadu ħaj fil-moħħ u l-qalb tan-nies ta' Hola

Fr Joe Galea huwa sinonimu ma' Hola, fejn iddedika ħajtu kollha għan-nies tal-parroċċa ta' Hola fid-djoċesi ta' Garissa fil-Kenja. Sena wara li ġie ordnat saċerdot f'Malta telaq lejn il-missjoni l-ġdida tal-patrijiet Kapuċċini, li kienu fetħu fil-Kenja. Inħatar kappillan tal-parroċċa ta' Hola fl-1976 u baqa' jieħu ħsieb il-parroċċa għal 43 sena meta fl-2019 il-Mulej sejjaħlu għal għandu għal għarrieda waqt jiem ta' mistrieħ f'Malta.

Fr Joe Galea nistgħu ngħidu li ta bidu lil din il-parroċċa bi ftit Insara li kienu jgħixu hemm meta wasal. Mas-snin, b'ħafna ħidma bla ma taqta', u bl-għajnuna għal xi snin ta' P. Spiru Galea OFMCap u tas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù, bena parroċċa b'saħħitha li minnha ħarġu tliet parroċċi oħra: Bura, Wenje u Emmaus.

Minbarra ħafna ħidmiet ta' bini ta' knejjes, kliniċi, opri ta' ħniena u ta' karità, Fr Joe ddedika fuq kollox l-enerġija tiegħu għall-ħidma pastorali tat-tagħlim tal-katekiżmu mhux biss liż-żgħar iżda wkoll lill-adulti. Daħħal id-drawwa sabiħa li qabel il-quddiesa tal-Ħadd filgħodu jesponi lil Ġesù Sagramentat fl-Ewkaristija għal nofs siegħa adorazzjoni li matulha l-Insara jinġabru fihom infushom u jitħejjew għal sehem sħiħ fil-quddiesa. Dan huwa wieħed mill-ħafna wirt li ħalla warajh Fr Joe.



Wara mewtu ħafna xtaqu li Fr Joe jibqa' jitfakkar għall-ħidma twila tiegħu bla ma taqta' billi titwaħħal tifkira tiegħu mal-ġenb tal-knisja, qrib fejn kien jgħid li jixtieq li jindifen kemm-il darba jmut il-Kenja. Fost dawn ta' min isemmi lill-kuġin ta' Fr Joe Galea, is-Sur Victor Zahra, li ta kontribuzzjoni għal dan il-għan. L-Insara

tal-parroċċa ta' Hola ġiethom l-idea tant sabiħa li flok jagħmlu sempliċi kitba li tfakkar lil Fr Joe, jibnu kappella mal-ġenb tal-knisja u fiha jkun hemm Ġesù fl-Ewkaristija espost kontinwament, biex ifakkru u jkomplu d-devozzjoni li Fr Joe kellu lejn l-Ewkaristija.



## Kappella b'adorazzjoni perpetwa

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Jannar 2021 kont mistieden fil-parroċċa ta' Hola għall-quddiesa tal-Ħadd, li matulha kien hemm xi trabi li tgħammdu u adolexxenti li rċevew il-Griżma tal-Isqof.



Wara l-quddiesa esponejna s-Sagrament imqaddes, ħriġna b'purċissjoni madwar il-compound tal-missjoni, waqafna fejn Fr Joe kien bena l-ewwel knisja u hemm tajna l-barka sagramentali. Waqfa oħra kienet fid-dar fejn Fr Joe għadda ħajtu, u bqajna sejrin lejn il-kappella tal-adorazzjoni. Hemm ġiet mikxufa lapida li tfakkar lil Fr Joe Galea, ftaħna uffiċjalment il-kappella, beriknieha minn ġewwa u minn barra u qegħedna lil Ġesù fl-Ewkaristija fi sfera permanenti mħarsa minn grada tal-ħadid, ħalli Ġesù fl-Ewkaristija jkun espost kontinwament għal dawk kollha li jkunu jixtiequ jgħaddu ftit tal-ħin fis-skiet u l-ġabra, fil-ħinijiet kollha tal-ġurnata.



B'dan il-mod Fr Joe Galea ser jibqa' jgħix mhux biss fil-memorja tan-nies ta' Hola iżda wkoll f'qalbhom u fuq kollox fil-ħajja Nisranija tagħhom, imsaħħa mill-Ewkaristija.












JOSEPH C. CAMILLERI BA, DEAM, M.ED. (PL. & MGT)
RITRATTI TA' PIERRE EUGENE BUTTIGIEG

# Il-leġġenda tal-forn ta' Marsalforn[1]

F'Mejju jibda t-temp sabiħ. Ħafna jibdew jaħsbu biex imorru fid-dar tagħhom tal-villeġġatura jew xi vjaġġ. Għall-Għawdxin id-dar tal-villeġġatura trid aktarx tkun Marsalforn.

Żmien ilu f'Marsalforn kien hemm forn li kien popolari man-nies tal-inħawi. Ħafna familji Għawdxin kienu jieħdu l-ikel tagħhom biex isir f'dan il-forn. Jum wieħed it-Torok waħħluha f'rashom li riedu jieħdu lil Għawdex taħt idejhom. Għalhekk daħħlu l-ġifen tagħhom fil-Bajja ta' Marsalforn. Dan il-ġifen kien mimli daqs bajda bit-Torok. Milli jidher l-Għawdxin kienu jafu li ser jaslu t-Torok u għalhekk kull familja ħalliet darha u ħadu magħhom il-bhejjem. Qabdu u marru fl-għerien u f'postijiet fejn setgħu jinħbew minn dawn l-imberkin Torok.



Milli jidher l-aħbar tal-wasla tat-Torok ma waslitx f'widnejn il-ħaddiema tal-forn ta' Marsalforn. Meta xi Torok sabu l-forn, dawru l-post u f'ħakka t'għajn faqgħu l-bieb u daħlu fil-forn. Kien hemm xi xebbiet jaħdmu l-għaġina. Kif it-Torok rawhom, ix-xebbiet bdew jgħajtu b'kemm kellhom saħħa: "It-Torok! It-Torok! It-Torok!"



F'daqqa waħda fil-forn qamet konfużjoni kbira. Xi xebbiet bdew jitfgħu l-għaġina fuqhom. Oħrajn qabdu l-għodda li kienu jużaw biex jaħmu l-ħobż. Fi ftit minuti l-forn sar xena ta' battalja. Waqt dan it-taħwid

Referenzi:

1. Attard A. F. "The legendary lore of Marsalforn and its environs", f'Marsalforn in retrospect, *St Paul Church, Marsalforn, Gozo, Malta*. Gozo Press, Għajnsielem, 2003: 80-81.

ix-xebbiet irnexxielhom joħorġu mill-forn u ħarbu lejn il-Bajja tal-Qbajjar. Waħda minn dawn ix-xebbiet kienet imżaqqa. Ma setgħetx tiġri, kif għamlu sħabha. Għalhekk hi sabet rokna fejn setgħet tistaħba, fil-forn. Ftit wara ġie Tork fuqha. Qabadha u rabatha, iżda hi kienet xebba fuq tagħha. Hekk kif ħasset il-ħabel idur magħha, qabdet biċċa għaġina u tefgħetha f'wiċċ it-Tork. Dan ma setax jara. Ix-xebba ħarġet mill-forn u sabet post fejn setgħet tinħeba.

L-aħbar li t-Torok niżlu Marsalforn waslet f'widnejn ħafna rġiel. Xi rġiel inġabru u ħadu magħhom skieken kbar. Niżlu Marsalforn u sabu t-Torok madwar il-forn. Saret taqtigħa kbira bejn l-Għawdxin u t-Torok. Xi Torok ġew feruti u oħrajn inqatlu, iżda ħafna minnhom ħarbu lejn il-ġifen tagħhom u rnexxielhom jitilgħu fuqu.

## Il-leġġenda tal-qolla l-ħamra[2]

Fl-imgħoddi fl-inħawi ta' Marsalforn kien hemm tliet għoljiet f'forma ta' ġarra. Dawn l-għoljiet kienu magħrufa bħala l-Qolla s-Safra, il-Qolla l-Bajda u l-Qolla l-Ħamra. Illum il-Qolla l-Ħamra m'għadhiex tidher aktar. X'ġara?

Snin ilu fl-inħawi tal-Bajja tax-Xwejni kien hemm nixxiegħa ta' ilma tajjeb għax-xorb. Din in-nixxiegħa kienet magħrufa bħala 'l-Fejjieda'. Il-bdiewa sew tal-viċin u sew tal-bogħod kienu jiġu fejn il-Fejjieda ħalli jimlew ir-reċipjenti tal-fuħħar mill-ilma tagħha. Fost in-nies li kienu jżuru l-Fejjieda kien hemm tliet xebbiet li kien ikollhom ilbies sabiħ ħafna. Waħda minn dawn ix-xebbiet kienet tilbes ilbies isfar. It-tieni xebba kienet dejjem tilbes xi libsa bajda. L-aħħar xebba kienet tilbes ħwejjeġ ħomor. Minħabba l-ħwejjeġ l-ewwel xebba kienu jgħidulha 's-Safra', it-tieni 'l-Bajda' u t-tielet 'il-Ħamra'. Kull xebba kellha ġuvni u kull wieħed kien jilbes faxxa tal-lewn tal-libsa tat-tfajla tiegħu.

Dawn ix-xebbiet kienu jgħixu dejjem ferħanin flimkien. Issa n-nixxiegħa kienet il-post fejn dawn ix-xebbiet kienu jiltaqgħu. Jum wieħed, waqt li x-xebbiet kienu qed jimlew l-ilma, waslet fil-post mara xiħa. In-nies tal-post kienu jibżgħu minnha u kienu jgħidu li kienet xi saħħara. In-nies kienu jemmnu li din il-mara kellha setgħa kbira, tant kienu jemmnu li hi setgħet tiftaħ il-bieb ta' barra sempliċiment jekk tmiss il-pum bil-bastun tagħha. In-nies kienu jgħidu li jekk din ix-xiħa kienet tittallab żewġ ħobżiet mill-furnara, il-furnata, li kienet tkun fil-forn, kienet tispiċċa rmied. In-nies kienu jemmnu wkoll li din ix-xiħa kienet ħalliela. Hi kienet tisraq l-imsielet minn widnejn in-nisa, sempliċiment meta tmiss il-geddum. Dan kienet tagħmlu bħala ġest ta' ħbiberija. Meta x-xiħa waslet fejn in-nixxiegħa bdiet tfaħħar lit-tliet xebbiet. Ix-xebbiet saqsewha jekk riditx tixrob mill-ilma tan-nixxiegħa. Ix-xiħa, li kienet magħrufa bħala 'Ħammuna', baxxiet rasha u xorbot ftit ilma minn ta' kull xebba. Wara x-xiħa bdiet tirrakkonta ħajjitha. Qaltilhom li meta kienet żgħira hi wkoll kienet tifla sabiħa. Qaltilhom li darba żagħżugħ ried jiżżewwiġha. Meta semgħu dan ix-xebbiet bdew jidħqu biha. Ħammuna tħawdet. Irrabjat u bdiet tgħajtilhom laqmijiet biex iċċekkinhom. Wara bdiet tagħmel ħafna movimenti bil-bastun. Meta raw dan ix-xebbiet ħarsu lejn xulxin u ħarbu mill-post. Ħammuna bdiet tiġri warajhom. Riedet taqbadhom. Ix-xebbiet ippruvaw jistaħbew qalb il-ħaxix, iżda Ħammuna kompliet tfittixhom. F'daqqa waħda Ħammuna ġiet wiċċ imb wiċċ max-xebba li

Referenzi:

2. Attard A. F. "The Legendary lore of Marsalforn..." op. cit.: 85-91.

kienet dejjem liebsa l-isfar. Żammitha minn idha u tatha tliet daqqiet bil-bastun tagħha. F'daqqa waħda din ix-xebba ma dehritx aktar. Minflokha fl-inħawi dehret għolja forma ta' qolla magħmula mill-blat safrani, l-istess kulur tal-libsa tagħha.

Iż-żewġ xebbiet l-oħra ħarbu iżda x-xiħa bdiet tiġri warajhom. F'kemm ili ngħidlek ix-xiħa ġiet qrib ix-xebba tal-libsa l-bajda. Ix-xebba bdiet tgħajjat kemm tiflaħ u titlob għall-ajjut. Ħammuna dawret il-bastun tagħha tliet darbiet u x-xebba saret għolja oħra. Il-blat ta' din l-għolja kien l-istess kulur tal-libsa tat-tieni xebba - abjad. Ħammuna riedet taqbad it-tielet xebba iżda ma setgħet taraha mkien. F'daqqa waħda ratha tistaħba wara siġra tal-akaċja. Minnufih ġiet biex taqbadha. Ix-xebba ratha u minnufih ħarbet qisha sajjetta. F'daqqa waħda x-xebba sabet ruħha fil-bidu tal-għolja taż-Żebbuġ. Ippruvat tistaħba f'toqba viċin in-nixxiegħa tal-Fejjieda, iżda Ħammuna sabitha. Qabditha bl-herra u dawret il-bastun tliet darbiet. Ix-xebba tbiddlet fl-għolja ta' blat kulur il-libsa tagħha, aħmar.

L-istorja ta' dawn ix-xebbiet daret Għawdex kollu. Il-ġuvintur tagħhom kienu inkwetati għax ma kinux jafu x'sar mix-xebbiet tagħhom. Wara xi żmien xi ħadd qalilhom li Ħammuna biddlithom f'għoljiet. Għalhekk dawn iż-żgħażagħ kienu jitilgħu fuq l-għoljiet u jibdew jgħajtu l-isem tax-xebba tagħhom. Iż-żmien għadda u żewġ ġuvintur minn tlieta ma baqgħux jitilgħu fuq l-għolja. Dawn marru fuq l-iġfna bħala qaddiefa. Jum wieħed, waqt li dawn kienu fuq il-baħar, qamet maltempata u l-iġfna li kienu fuqhom għerqu. Il-ġuvni li ħabb ix-xebba l-ħamra baqa' jitla' fuq l-għolja. Hu kellu t-tama li xi darba jerġa' jara l-maħbuba tiegħu.

Jum wieħed, waqt li kien qed jaqbad l-għasafar minn fuq l-għolja, ra lil Ħammuna ħierġa minn moħba. Din il-moħba kienet għar li kien fil-bidu tal-irdum. Kienet qed tistrieħ fuq il-bastun tagħha. Meta Ħammuna rat liż-żagħżugħ, riedet taħrab u bdiet tiġri, iżda waqgħet u ħabtet wiċċha mal-art. Iż-żagħżugħ ġera biex jgħin lil Ħammuna. Hu ħaslilha wiċċha bl-ilma tan-nixxiegħa. Taha wkoll ftit inbid minn dak li kellu. Ix-xiħa ħadet pjaċir bih. Bdiet tirringrazzjah. Riedet tkun taf kif ser tpattilu l-għajnuna li kien taha. Iż-żagħżugħ qalilha li ħadd ma seta' jgħinu. Hu rrakkontalha l-istorja tal-maħbuba tiegħu. Ix-xiħa qaltlu li kollox kien possibbli fid-dinja. Qaltlu biex imur magħha fejn il-Fejjieda. Ħammuna u ż-żagħżugħ telqu u f'ħakka t'għajn waslu. Hawn ix-xiħa waqfet u bdiet tgħajjat kliem bla sens. Bdiet iddawwar fl-arja l-bastun bil-kuntrarju. Wara bdiet tmiss l-għolja l-ħamra bil-bastun b'kemm kellha saħħa. Messitha tliet darbiet. F'daqqa waħda qam ir-riħ u l-għolja ma dehritx aktar. Minflok l-għolja dehret ix-xebba liebsa l-aħmar. Iż-żagħżugħ raha. Ġera waħda għal ħdejha. Għannaqha miegħu. Meta x-xebba marret lura d-dar, il-ġenituri tagħha għamlulha festa kbira. Ftit wara ż-żewġ żgħażagħ iżżewġu.





FR SILVESTRU BONAVIA OFMCap

# "Ngħixu l-Evanġelju sħiħ"

**Nuru li aħna lkoll ulied l-istess Missier u aħwa ta' Ġesù**

Nixtieq nibda dawn il-ftit ħsibijiet għalija u għalikom, f'dawn il-jiem hekk għeżież li fihom qed ngħixu l-Għid il-Kbir u nħejju rwieħna għal Għid il-Ħamsin, jum inżul l-Ispirtu s-Santu fuq l-appostli u l-Knisja, u llum inkomplu, b'mod differenti, mal-vjaġġ storiku tal-Papa fl-Iraq li permezz tiegħu nissel aktar kuraġġ, tama iktar soda u għaqda li jeħtieġ li tidher aktar reali. Dan għamlu mhux biss mal-isqfijiet bħala mexxejja tal-komunitajiet Insara imma wkoll fost l-istess Insara u dawk kollha li jistqarru li huma dixxipli ta' Kristu jew li jemmnu f'Alla wieħed. Mhux biss! Għax l-istess awtoritajiet tal-gvern fl-Iraq, proprju kif tħabbar fi żmien il-Għid, ħatru kumitat interministerjali "biex jaħdem għat-twettiq tas-suġġerimenti u tal-proposti li ħarġu waqt iż-żjara riċenti tal-Papa Franġisku fl-Iraq".

Nistqarr bil-miftuħ kemm laqtuni d-diskors tal-Papa fl-udjenza l-Erbgħa tal-Ġimgħa l-Kbira u l-prietka/meditazzjoni tal-Predikatur Appostoliku, il-Kardinal Patri Raniero Cantalamessa, nhar il-Ġimgħa l-Kbira.

Għax fl-aħħar mill-aħħar dawk il-jiem għeżież ħafna ġew u għaddew imma l-messaġġ qawwi tagħhom jibqa' jidwi, u jeħtieġ li lkoll kemm aħna nagħmluh tagħna u ngħixuh fl-ambjenti l-aktar qribna u madwarna.

Il-ħarsa bil-fidi lejn Ġesù mislub, qal il-Papa Franġisku, "tgħinna ngħixu mill-ġdid il-mixja tal-Ħaruf bla ħtija, issagrifikat biex aħna nkunu ħielsa. Inġorru f'moħħna u f'qalbna t-tbatija ta' tant morda, fqar, dawk imwarrbin f'din id-dinja; niftakru 'fil-ħrief issagrifikati' ta' vittmi innoċenti minħabba l-gwerer, tad-dittaturi, tal-vjolenza fil-ħajja ta' kuljum, tal-aborti. Quddiem ix-xbieha ta' Alla mislub inqiegħdu fit-talb il-ħafna msallbin tal-lum li mingħandu biss jistgħu jaqilgħu l-faraġ u jsibu tifsira għat-tbatijiet tagħhom. U llum dawn għandna ħafna minnhom – ma ninsewx l-imsallbin tal-lum, li huma x-xbieha ta' Ġesù mislub u li fihom hemm Ġesù. Minn dak il-waqt li Ġesù refa' fuqu l-feriti tal-umanità u l-istess mewt, l-imħabba t'Alla saqqiet in-nixfiet tagħna u dawlet dawn id-dlamijiet tagħna."

U biex ikompli wkoll mal-istess ħsieb, il-Predikatur Appostoliku, il-Kardinal Patri Cantalamessa, nhar il-Ġimgħa l-Kbira fl-



*Papa Franġisku quddiem l-Irxoxt*



*Il-Papa fl-Udjenza fis-Sala Pawlu VI warajh Ġesu Rxuxtat*

omelija tiegħu, wara l-qari tal-Passjoni ta' Ġesù, fil-preżenza tal-istess Papa u l-ftit Insara madwaru, kompla dwar l-istess ħsieb hekk ċentrali fit-teoloġija u l-pastorali Nisranija. Din is-silta qasira minn kliemu ta' min jaqraha, jimmeditaha u jgħixha. Hija tagħtina ħjiel ta' dan. Hekk huwa jiżviluppa riflessjoni profonda fuq il-fraternità li Ġesù wettaq minn fuq is-salib:

## "Morru għidu lil ħuti"

Aħna mhux biss maħluqin minn Alla xbieha ta' Kristu, u għalhekk ulied l-istess Missier, imma bis-saħħa tal-opra tar-redenzjoni li Ġesù wettaq bil-passjoni, bil-mewt u bil-qawmien tiegħu, "aħna lkoll aħna aħwa tal-istess Ġesù, li huwa 'l-ewwel wieħed fost ħafna aħwa'". Għax kif jgħid S. Ġwann: "Nistgħu nissejħu wlied Alla; u hekk aħna tassew" (1 Ġw. 3, 1). Infatti, ikompli P. Raniero, huwa proprju wara l-qawmien tiegħu li Ġesù jsejjaħ direttament lid-dixxipli tiegħu "aħwa". Lil Marija ta' Magdala, f'dak l-ewwel jum tal-qawmien, jgħidilha: "Mur għand ħuti..." (Ġw. 20, 17).

Imma l-Kardinal Cantalamessa jkompli juri kif għalkemm *Ilkoll Aħwa* - kif tenna l-Papa sa mill-bidu nett fl-aħħar enċiklika tiegħu - din il-fraternità hija maqsuma. "Bħalma mċarrta ġiet 'it-tunika' stess ta' Ġesù u maqsuma, u mhux biss it-tunika nqasmet f'erba' biċċiet, imma kull biċċa, illum, hija mtertqa f'ħafna biċċiet anke żgħar!" Għalhekk jeħtieġ li lkoll nagħtu sehemna, kulħadd skont is-sejħa, il-ministeru, il-vokazzjoni u kull ħidma li għandna, kemm jekk hi dik reliġjuża jew politika, jew fil-familji tagħna jew fil-komunitajiet jew soċjetajiet u assoċjazzjonijiet, biex dan ma jkomplix iseħħ u nagħmlu li nistgħu biex nirranġawh għall-aħjar!

## L-Evanġelju f'ħajjitna ta' kuljum

U hawn jidher kemm huwa f'waqtu u minnu dak li qal il-Papa Benedittu XVI lil grupp reliġjużi fis-26 ta' Novembru, 2010: "L-Evanġelju mgħix f'ħajjitna



Kard. Patri R. Cantalamessa waqt il-meditazzjoni tiegħu fir-Randan

ta' kuljum jipprovdi l-element li joffri attrattiva u sbuħija lill-ħajja konsagrata (u naturalment lill-ħajja Nisranija), u joffri lid-dinja alternattiva ta' min joqgħod fuqha. Is-soċjetà kontemporanja teħtieġ dan u l-Knisja dan qed tistenna minnkom: tkunu Evanġelju ħaj."

U dan il-kliem ta' awgurju jsib eku qawwi fi kliem jixbhu tal-Papa Franġisku appena ftit xhur wara li sar papa, li tenna fl-ittra appostolika tiegħu *Il-Ferħ tal-Evanġelju*, li hija l-programm ta' ħidmietu kollha u ta' dak li jixtieq li jitwettaq mill-Knisja u mis-soċjetà madwarna, anke minna, illum. F'par. 266 il-Papa jtenni: "Mhux l-istess ħaġa tkun sirt taf lil Ġesù jew le; mhix l-istess ħaġa timxi miegħu jew timxi fil-għama; mhix l-istess ħaġa tisimgħu jew tinjora l-Kelma tiegħu; mhix l-istess ħaġa tikkontemplah, tadurah, tistrieħ fih jew ma tagħmel xejn minn dan. Mhix l-istess ħaġa tfittex li tibni d-dinja bl-Evanġelju tiegħu jew inkella dan tagħmlu biss bir-raġuni tiegħek. Nafu sewwa li b'Ġesù l-ħajja ssir wisq iżjed mimlija u bih isir iżjed faċli nsibu s-sens ta' kull ħaġa."

Kieku nisimgħu dan, kemm nistgħu ngħixu ħajjitna aħjar u nibnu l-familji u s-soċjetà tagħna iktar b'saħħithom! Mhuwiex għaqal meta nippruvaw intajru valuri umani u evanġeliċi biex mingħalina noffru ħajja ideali aħjar! Nippruvaw aħna, fil-limiti tagħna, ngħixu l-ħajja hekk u ngħinu b'kull mod lil min qed jipprova jsawwar ħajtu hekk, issa u għal li ġej. L-Ispirtu Qaddis idawwalna dejjem aktar u jagħtina l-kuraġġ inkunu strumenti għal dan.



FR PAUL BUGEJA OFMCap

# Ħelu ta' Sant'Antnin ta' Padova

Dan il-ħelu huwa dovut għat-tradizzjoni li fiha l-patrijiet Franġiskani tal-Bażilika ta' Sant'Antnin f'Padova jqassmu l-ħobż lill-foqra. Din it-tradizzjoni għadha ssir illum ukoll bħala devozzjoni. Dan hu ħobż tal-ħelu u mhux bħalma kien jitqassam u għadu jitqassam bħala devozzjoni jew lill-foqra.

L-isem tal-magħmudija ta' Sant'Antnin kien Fernando di Buglione u twieled f'Lisbona, il-Portugall fl-1195. Ta' 15-il sena daħal bħala novizz fil-kunvent ta' San Vinċenz, mal-kanonċi regolari ta' Santu Wistin. Fl-1219, fl-età ta' 24 sena, ġie ordnat saċerdot.

Kienet l-aħbar li sema' dwar ħames patrijiet Franġiskani li mietu martri fil-Marokk li permezz tagħha ħass il-vokazzjoni li jingħaqad mal-patrijiet Franġiskani. Aktar tard sab ruħu l-Italja, fejn miet fit-13 ta' Ġunju tal-1231.



## Ingredjenti:

pakkett għaġina sfiljurata rettangolari lesta
2 bajdiet kbar
170 gr zokkor
150 gr dqiq 00
50 gr lamtu tal-patata (potato starch)
120 gr butir
50 gr sultana
50 gr lewż imqaxxar
40 gr qoxra tal-larinġ maħkuka
3 mgħaref ġamm tal-ħawħ
kuċċarina essenza tal-vanilla

## It-tisjir:

1. Ġo skutella ħabbat flimkien il-bajd u z-zokkor u l-vanilla sa ma jiġu xkuma.
2. Dewweb il-butir ġol-microwave.
3. Farrak nofs il-lewż u ħalli l-bqija sħaħ.
4. Iftaħ l-għaġina u poġġi bil-karta b'kollox fuq tilar.
5. Ġo skutella ħallat flimkien il-lewż imfarrak, is-sultana, il-qoxra tal-larinġ, il-ġamm tal-ħawħ, id-dqiq 00 u l-lamtu tal-patata u t-taħlita tal-bajd.
6. Ifforma bl-għaġina forma ta' qassata bix-xoffa madwar.
7. Imla 'l din bit-taħlita.
8. Poġġi l-lewż sħiħ fil-wiċċ u aħmi fil-forn b'180° C għal madwar 30-35 minuta.
9. Ħu ħsieb li tħalliha tibred sewwa qabel isservi minnha.



FR WISTIN ATTARD OFMCap

# Tisliba Nru 192



1. Mexa bis-sliem u b'din. (Mal. 2, 6) (5)
2. Hekk jagħmel Marku wkoll. (1 Pt. 5, 13) (6)
3. Din tgħib bħall-arja. (Għerf 2, 3) (5)
4. Kienet bil-frott tas-sajf. (Għam. 8, 1) (5)
5. Din tfisser 'Missier'. (Rum. 8, 15) (4)
6. Missier Mordekaj. (Est. 2, 5) (5)
7. Mosè qalilhom: "*Ejjew* 'l hawn." (Lev. 10, 4) (5)
8. Hemm dawn ta' missirijieti. (Neħ. 2, 5) (5)
9. Madwaru bilqiegħda, u ...: (Mk 3, 34) (3)
10. Minn Kedes ta' hawn. (Imħ. 4, 6) (7)
11. u 12. M'iniex *ngħid kliem b'ieħor.* (Gal. 1, 20) (6)
13. Lil din u lil Sintiki. (Fil. 4, 2) (6)
14. Kulur wiċċhom. (Lam. 4, 8) (5)
15. Is-salvazzjoni ta' dawn. (S. 37, 39) (5)
16. Ġiet lil Ġona mis-sigra. (Ġona 4, 10) (5)
17. L-... fost iċ-ċipress tiegħu. (2 Slat. 19, 23) (5)
18. Hekk sejħilha lill-Knisja. (2 Ġw. 5) (7)
19. Ma jeħduhx mid-dwieli. (Sof. 1, 13) (4)
20. X'kien qisha t-tieni bhima. (Dan. 7, 5) (3)
21. Ordnaw b'digriet u dan. (2 Mak. 10, 8) (5)
22. "... ħwejjeġ tal-għaġeb" (Lq. 5, 26) (5)

## Soluzzjoni għal Tisliba #191

1. Ħdura; 2. Smajna; 3. Niżlu; 4. Sewda; 5. Swar; 6. Allat; 7. Demmi; 8. Ewwel; 9. Raj; 10. Ladarba; 11. u 12. Sabiħa; 13. Ħżintu; 14. Nħobb; 15. Pawlu; 16. Barka; 17. Itlaq; 18. Ħassada; 19. Sibt; 20. Int; 21. Babel; 22. Kotra.

Agendabookshop

# Aħseb u Wieġeb

1. Fuq il-Muntanja Sijon kien hemm: is-silġ, is-sħab, il-Ħaruf. (Apk. 14, 1)
2. Dan żera' s-sikrana: il-bidwi, l-għadu, il-ħabib. (Mt. 13, 25)
3. L-agħma kien jismu: Bartimew, Sidor, Mattew. (Mk 10, 46)
4. L-inbid il-qadim: qares, tajjeb, ħażin. (Lq. 5, 39)
5. Il-ħalliel jidħol biex: jistaħba, jistrieħ, jisraq. (Ġw. 10, 10)
6. Sawl ra dieħel ħdejh lil: Ħananija, Pietru, Ġesù. (Atti 9, 12)
7. Mis-sema smajt: ir-riħ, ir-ragħad, leħen. (Apk. 14, 2)
8. Riedu jiġbru s-sikrana, imma s-sid qalilhom: le, iva, morru. (Mt. 13, 29)
9. Meta sikktu lill-agħma: siket, aktar għajjat, staħa. (Mk 10, 48)
10. Id-dixxipli bdew jaqtgħu: it-tin, l-għeneb, is-sbul. (Lq. 6, 1)

## Ir-rebbieħa tal-ħarġa ta' April 2021

Ir-rebbieħa ta' kull kompetizzjoni jingħataw żewġ kotba mogħtija ġentilment minn **AGENDA – MILLER DISTRIBUTORS LIMITED**. Ir-rebbieħa jittellgħu bix-xorti mit-tweġibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-15 tax-xahar. Ir-rebbieħa tat-Tisliba Nru 191 hija: VERONICA ZAMMIT li toqgħod 12, Rue D'Argens, l-Imsida MSD1369. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni Nru 41 - AQTA' MIN hija: FRANCA ZAMMIT li toqgħod 12, Rue D'Argens, l-Imsida MSD1369. Nistiednu lir-rebbieħa sabiex jiġu jiġbru l-premju mogħti lilhom mill-Uffiċċju tal-Missjoni Kapuċċini, il-Furjana.

# 8 MODI KIF TISTA' TGĦIN

## L-EWWEL U QABEL KOLLOX OFFRI T-TALB U S-SAGRIFIĊĊJI TIEGĦEK GĦALL-ĦTIĠIJIET SPIRITWALI TAL-MISSJUNARJI.

### 1. Borża ta' studju

sabiex tgħin seminarista jsir saċerdot Franġiskan Kapuċċin. Minbarra li tkun qed tinvesti sabiex tadotta saċerdot, hu jadotta lilek billi jitlob għalik kuljum f'kull quddiesa li jqaddes f'ħajtek u wara mewtek. Kull borża ta' studju tiswa €600.

### 2. Ibagħtulna bolol tajbin jew użati

Naċċettaw kull tip ta' bolol. Tarmuhomx imma faddluhom u ibagħtuhomlna. **JEW EJJEW IXTRU BOLOL UŻATI**. Kilo bolol użati aħna nbigħuh b'€10.

### 3. Napprezzaw li tibagħtulna rċevuti

tal-VAT sabiex nidħlu biċ-ċans tal-lotterija u f'każ ta' rebħ kollox imur għall-missjoni. Importanti li l-irċevuti jkunu għandna mhux aktar tard mit-8 tax-xahar rispettiv.

### 4. BAZAAR b'risq il-missjoni

Minħabba l-kriżi tal-Coronavirus bħalissa l-bazaar b'risq il-missjoni fil-Furjana huwa magħluq. Għalhekk la qed isir bejgħ u lanqas qed naċċettaw għotjiet għall-bazaar. Minħabba f'hekk fil-mument preżenti la qegħdin naċċettaw materjal għall-BAZAAR u lanqas mediċina. Nitolbu kooperazzjoni sħiħa min-naħa tagħkom. GRAZZI.

### 5. Qegħdin noħorġu ħafna flus fi spejjeż tal-posta

sabiex inqassmu r-rivista *DAWL FRANĠISKAN* minħabba nuqqas ta' distributuri f'ċerti bliet u rħula. **OFFRI B'MOD VOLONTARJU S-SERVIZZ TIEGĦEK BIEX TQASSAM IR-RIVISTA FIL-BELT JEW RAĦAL TIEGĦEK.** Għandna bżonn: Bormla, parti minn Birkirkara, Tas-Sliema, l-Imsida u San Ġiljan.

### 6. Għajnuna fl-edukazzjoni tat-tfal

B'€10 fix-xahar jew €120 fis-sena tkun qed tgħin tifel jew tifla biex jingħataw edukazzjoni – uniformi tal-iskola u l-ikel fl-iskola. Tingħata l-isem u r-ritratt tat-tifel jew tifla li inti bi mħabba tadotta sabiex tagħtiha l-edukazzjoni b'xejn.

### 7. Intenzjonijiet għall-quddies

Meta tagħtu flus biex isir quddies għall-missjoni tkunu qed tagħmlu opra ta' karità doppja: tgħinu lill-missjunarji u lill-erwieħ mejtin.

### 8. Meta tiġi biex tagħmel it-testment,

wara li taħseb f'ruħek u fil-familjari tiegħek fittex li tkun ġeneruż/a **BILLI TĦALLI XI ĦAĠA B'RISQ IL-MISSJONI.**




Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:
**Fr Philip Cutajar OFMCap**
**Segretarju tal-Missjoni,**
**Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, il-Furjana**
**Telefown: 2123 3874 / 2123 4949 / 2122 5525**
**Imejl: dawlfrangiskan@gmail.com**

BOV Kont Missjoni Kenja 40019998299
Kont Missjoni Kenja 089-021505-050
APS bank Kont Missjoni Kenja 2000039057-6
BOV Kont Proġett - Hola Kenja 40019994646
Kont Proġett - Hola Kenja 089-021-505-052